# DAWL FRANĠISKAN

LEHEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN



APRIL 2000 • L-GHOXRIN SENA SENA • GHADD 199 • NEWSPAPER POST

# Kristu Rebbieħ fuq il-Mewt

# Werrej...


EDITORJAL 1
*minn P. Joe Alessandro ofm cap*

BIBBJA 2
Is-Siegħa ta' Ġesù
*minn P. Donat Spiteri ofm cap*

RIFLESSJONI U AZZJONI 3
Teleskopju fuq il-Ħajja
*minn P. William Axiaq ofm cap*

SPIRITWALITÀ 5
Il-Ħasil tar-Riġlejn fl-Evanġelju ta' San Ġwann
*minn P. Martin Micallef ofm cap*





KENJA 8
Knisja Ġdida f'Wema
*minn P. Spiro Galea ofm cap*





KUBA 10
Sejħa Missjunarja: Esperjenza ta' Faqar Evanġeliku
*minn P. Philip Cutajar ofm cap*

KULTURA FRANĠISKANA 12
Il-Misteru ta' l-Inkarnazzjoni u San Franġisk fil-Filatelija
*minn P. Martin Micallef ofm cap*

NEKROLOĠIJU 14
Tifkira ta' P. Renat Spiteri OFM Cap
*minn P. Franġisku Azzopardi ofm cap*





ĠUBLEW 2000 16
Il-Pellegrinaġġ, il-Bieb u l-Indulġenzi
*minn P. Publius Mair ofm cap*

IT-TWEĠIBA 18
*minn P. William Axiaq ofm cap*





ŻGĦAŻAGĦ FRAN
Igri, ħaffef
*minn Anthony Fitzpatrick gi. fra.*

O.F.S. 20
Ix-Xogħol fil-ħajja tat-Terzjarju
*minn P. Frans Abela ofm cap*

NOVELLA 21
Xellug jew lemin?
*minn Lina Brockdorff ofs*

IT-TISLIBA 24
*minn P. Wistin Attard ofm cap*

POEŻIJA 24
Lil Marija Addolorata
*minn Kan. Nikol Vella Apap*

VOKAZZJONIJIET Qoxra 3
Skopri fik l-Għanja ta' Ġesù
*minn P. Joe Giuliano ofm cap*



DAWL FRANĠISKAN

**APRIL 2000**
**L-20 Sena**
**Għadd 199**




**Qoxra 1:**
***Kristu qam mill-mewt u niżel fil-qiegħan ta' l-art biex itella' lil Adam u 'l Eva.***
***(Ikona tal-Benedittini f'Ġerusalemm)***


**BORD EDITORJALI:**
essandro ofm cap (Direttur u Editur)
Wistin Attard ofm cap
Frans Abela Giusti ofm cap
Noel Pace
Maria Mercieca ofs
Dorian Holland ofs
Keith Spiteri gi.fra.

**EZZJONI U AMMINISTRAZZJONI**
Kunvent tal-Kapuċċini,
Floriana - VLT 14
Tel: 233874/225525/234949
e-mail: ofmcap@keyworld.net

**DISINN U LAYOUT:**
IMAGE 2000 Ltd., B'Bugia
**MITBUGĦ:**
P.E.G. Ltd., San Ġwann.

Kull korrispondenza, artikli, kitbiet u ittri biex jidhru fid-DAWL FRANĠISKAN għandhom jiġu indirizzati lill-Editur. Id-Direzzjoni tirriserva d-dritt li tippubblika fid DAWL FRANĠISKAN dawk l-artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidhrilha li jkunu jaqblu max-xejra tar-rivista.

Ħlas ta' l-Abbonament: Lm 4 fis-sena.
Kull offerta, barra mill-ħlas, hi milqugħa bħala għajnuna għall-Missjoni, li għandha tintbagħat lid-Direttur
Ċentru Missjoni Kapuċċini
Kunvent tal-Kapuċċini
Floriana - VLT 14

# EDITORJAL

minn
P. Joe ALESSANDRO ofm cap

## Mixja ta' mħabba bil-ferħ



Il-Ġublew il-Kbir huwa kkaratterizzat minn tliet mumenti: **il-pellegrinaġġ**, li huwa mixja ta' penitenza; **il-karità**, li hija l-għotja u ċ-ċaħda ta' xi ħaġa għażiża għalik; u **l-ferħ**, li jiġi mill-fatt li tħossok lura fid-dar tal-Missier.

Iż-żmien liturġiku li qegħdin ngħixuh matul dan ix-xahar ta' April joffrilna mumenti qawwija ta' riflessjoni. Qegħdin fiż-żmien tar-Randan Imqaddes, u lejn l-aħħar ta' April inkunu fil-Ġimgħa Mqaddsa biex imbagħad niċċelebraw il-ferħ tal-Qawmien ta' Kristu fl-Għid il-Kbir. Ir-Randan, il-Ġimgħa Mqaddsa u l-Għid il-Kbir huma t-tliet mumenti li matul din is-sena tal-Ġublew jieħdu tifsira partikulari.

### IL-MIXJA - Pellegrinaġġ

Ir-Randan huwa mixja ta' konverżjoni, li fih nilqgħu l-istedina li jagħmlilna Alla u nduru mill-ġdid lejh. Huwa żmien ta' tiġdid. F'dan is-sens nistgħu nsejħulu bħala żmien ta' pellegrinaġġ, ta' mixja li tqarribna aktar lejn il-Missier tagħna. Din hija wkoll l-istess tifsira tal-pellegrinaġġ, reali jew simboliku, li għalih il-Papa qed jistedinna f'din is-sena tal-Ġublew. Hija mixja li fiha tajjeb li ma jkollniex ħafna affarijiet ta' toqol x'inġorru magħna: it-toqol tad-dnub, tar-rabta żejda magħna nfusna u ma' dak li għandna. Hija mixja li meta naslu fl-aħħar tagħha nkunu differenti minn meta nkunu bdejniha.

### IL-KARITÀ - L-Ewkaristija u s-Salib

Matul dan iż-żmien, kemm tar-Randan kif ukoll tal-Ġublew, irridu nħarsu mhux biss 'il quddiem imma wkoll madwarna. Aħna, bħala parti mill-komunità tal-Knisja u ta' l-Istat ma nistgħux ningħalqu fina nfusna u ma nagħtux kas ta' ħutna li qegħdin joħorġu idhom biex nuruhom imħabba. Il-kelma 'karità' tfisser imħabba; imħabba li tibda mill-attenzjoni li nagħtu u li mbagħad tissarraf f'għemejjel konkreti ta' karità. Kristu, li tiegħu qed niċċelebraw il-Ġublew, wera din l-imħabba lejna mill-ewwel mument li sar bniedem. Kompla juriha meta tħallat man-nies u għallimhom u fejjaqhom. Iżda, l-akbar prova ta' mħabba tahilna meta ta lilu nnifsu għalina fis-sagrament ta' l-Ewkaristija kif ukoll meta ħalla ħajtu għalina fuq is-salib. Din l-imħabba-karità ta' Kristu, li niċċelebrawha fit-tlett ijiem tal-Ġimgħa Mqaddsa, għandha turina t-triq u timbuttana ħalli aħna wkoll ningħataw lill-oħrajn, l-aktar dawk qrib tagħna li għandhom bżonna.

### IL-FERĦ - Il-Qawmien ta' Kristu

Il-kelma 'Ġublew' ġejja mill-Latin *'iubilaeum'* li tfisser 'ferħ'. Il-ferħ tagħna huwa Kristu li qam rebbieħ fuq il-mewt u d-dnub, u li fetħilna l-bieb għal għand il-Misser tiegħu u tagħna. L-Għid il-Kbir ta' din is-sena speċjali, li ser niċċelebrawh lejn l-aħħar ta' dan ix-xahar, għandu tifsira partikulari. Kristu, li ġie fid-dinja elfejn sena ilu, ġie biex jifdina, biex jerġa' jħabbina ma' Alla l-Missier u biex wara din il-ħajja, bit-tbatija kollha li tista' ġġib magħha, nidħlu fil-glorja tas-sema: immutu ma' Kristu biex miegħu inqumu.

Dan huwa l-veru ferħ. Mhux sempliċi pjaċir jew gost ta' xi festa jew ċelebrazzjoni kwalunkwe, li jdum għal ftit żmien sakemm jgħaddi l-entużjażmu ta' l-okkażjoni li tkun. Huwa ferħ li jibqa'; ferħ li joħroġ mill-qalb u jibqa' magħna minkejja t-tiġrib li ngħaddu minnu, għax huwa l-ferħ ta' Kristu, u Kristu jibqa' għal dejjem.

Ejjew, mela, ngħixu r-Randan Imqaddes ta' dan il-Ġublew il-Kbir bħala mixja lejn Alla Missierna li fiha nuru mħabba u karità lejn xulxin u nimtlew bil-ferħ ta' ħajja ġdida fi Kristu. ❑

# Is-Siegħa ta' Ġesù

minn P. Donat SPITERI ofm cap



*Arti Venezjana (Seklu 15) - Ateni, Mużew Biżantin*

Fit-tieġ ta' Kana, meta Marija għarrfet lil Ġesù li kien naqas l-inbid u hekk talbitu jindaħal biex jipprovdih, hu qalilha: "Is-siegħa tiegħi għadha ma waslitx." X'inhi din is-siegħa ta' Ġesù? X'ried ifisser Ġesù meta semma' s-siegħa tiegħu?

"Is-siegħa" (bil-Grieg, *hora*) hi waħda mill-kliem li niltaqgħu magħhom ħafna drabi fl-Evanġelju ta' San Ġwann; insibuha 26 darba. Barra s-sens ordinarju tagħha ta' siegħa tal-jum (Ġw 4, 52; 11, 9), kif insibuha fl-Evanġelji l-oħra (Mt 14, 15; Mk 14, 35; Lq1, 10), fl-Evanġelju ta' San Ġwann hi s-siegħa proprja ta' Ġesù. Hi ż-żmien li fih skond il-pjan stabbilit minn Alla kellha sseħħ fil-milja kollha tagħha s-salvazzjoni bl-opra ta' Ġesù Kristu.

Għas-Sinottiċi dan hu l-*kairòs*, iż-żmien eskatoloġiku u messjaniku, imħabbar mill-profeti, li ġie bil-missjoni ta' Ġesù Kristu u seħħ bl-opra salvifika tiegħu (Mk 1, 15; Mt 4, 17; 26, 18; Lq 19,44; ara Gal 4, 4). San Ġwann ifisser dan il-*kairòs* aktar bil-kelma *hora*, "siegħa", u jsejħilha "s-siegħa ta' Ġesù". Ħafna drabi jfissirha bi kliem dirett ta' Ġesù, li jsejħilha "s-siegħa tiegħu".

Nistgħu nagħżlu żewġ kategoriji ta' testi fir-raba' Evanġelju:

a) Dawk li jirriferixxu direttament għall-missjoni personali ta' Ġesù. F'din il-kategorija l-kelma *hora* (siegħa) hi determinata bl-artiklu ("is-siegħa") jew bil-pronom personali ("is-siegħa tiegħi", bi kliem Ġesù; "is-siegħa tiegħu", bi kliem l-Evanġelista) - dawn huma: 2, 4; 7, 30; 8, 20; 12, 23. 27; 13, 1; 17, 1.

b) Testi oħra, li fihom tissemma' s-"siegħa" (mingħajr artiklu) jirriferixxu aktar għall-effetti jew għall-frott tas-salvazzjoni ta' Ġesù Kristu milli għas-siegħa personali tiegħu. Pereżempju, lill-mara Samaritana Ġesù qalilha: "Tiġi siegħa, anzi issa hi, meta dawk li tassew jaduraw jibdew jaduraw lill-Missier fl-ispirtu u l-verità" (Ġw 4, 23).

Din hi "s-siegħa" eskatoloġika, ta' l-aħħar żmien. Tiġi bl-opra tas-salvazzjoni ta' Ġesù Kristu. Anzi, "issa hi", diġà ġiet jew bdiet. L-*eschaton* - l-aħħar żmien - kien diġà hemm, kien beda bil-preżenza ta' Ġesù fid-dinja (ara wkoll Ġw 5, 25. 28; 16, 4.21.32).

L-aktar li jinteressawna huma t-testi ta' l-ewwel kategorija li fihom tissemma s-siegħa ta' Ġesù. Ninnutaw li f'xi testi jingħad li "s-siegħa tiegħu kienet għadha ma waslitx", bħal fil-każ ta' Kana (2, 4) u fil-każijiet meta l-Lhud ma rnexxielhomx jaqbdu lil Ġesù taħt idejhom (7, 30; 8, 20). F'testi oħra jingħad li "waslet is-siegħa" (12, 23; 13, 1; 17, 1).

Ninnutaw ukoll li t-testi li fihom jingħad li s-siegħa ta' Ġesù kienet għadha ma waslitx qegħdin fl-ewwel parti tar-raba' Evanġelju; u t-testi l-oħra, li fihom jingħad li s-siegħa tiegħu kienet waslet, qegħdin fit-tieni parti. L-Evanġelju ta' San Ġwann naqsmuh tajjeb f'żewġ partijiet: l-ewwel parti (1-11) nistgħu nqisuha bħala daħla u preparazzjoni għat-tieni parti (12-21). Din ta' l-aħħar hi l-istorja tal-passjoni u l-mewt ta' Ġesù u tal-qawmien tiegħu mill-imwiet. Din hi, fil-ħsieb ta' l-Evanġelista, il-glorja jew il-glorifikazzjoni ta' Ġesù - "is-siegħa tiegħu biex jgħaddi minn din id-dinja għal għand il-Missier" (13, 1). Għalhekk, kif ħareġ Ġuda u mar jittradixxi lil Ġesù - u dak il-ħin bdiet l-istorja tal-passjoni - Ġesù qal: "Issa huwa gglorifikat Bin il-bniedem" (13, 31). Din kienet is-siegħa ta' Ġesù, is-siegħa tal-glorja tiegħu (17,1). Fil-ħsieb ta' San Ġwann, il-mewt ta' Ġesù fuq is-salib hi l-eżaltazzjoni tiegħu. "Merfugħ 'il fuq mill-art" fuq is-salib Ġesù kien fil-bidu tal-glorifikazzjoni tiegħu (3, 14; 8, 28; 12, 32-34).

Hemm għaqda bejn iż-żewġ partijiet jew blokki tar-raba' Evanġelju. Il-ħsieb tas-siegħa ta' Ġesù jorbothom u jgħaqqadhom flimkien. Mill-bidu ta' l-Evanġelju (2, 4) jgħaddi bħal ħajtu minn kapitlu għal ieħor sal-bidu tat-tieni parti, il-parti tas-siegħa ta' Ġesù. L-ewwel jingħad dejjem li "s-siegħa tiegħu kienet għadha ma waslitx".

*Ikompli f'paġna 4 ...*

# Teleskopju fuq il-Ħajja



minn P. William AXIAQ ofm cap

Iżjed ma ngħarrxu fuq il-ħajja, iżjed insibu fuqhiex nirriflettu. Ġejjin żewġ ħsibijiet li jħeġġuna ngħixu iżjed skond il-qalb ta' Alla. Nagħrbluhom sewwa, ngħixuhom u nħeġġu lil min jgħixhom.

## 1 KOMPLIĊI MA' MIN HU FIL-ĦAŻEN

Fil-ħajja llum, xi wħud qed jagħmlu ċerti żbalji morali li ma tistennihomx minnhom. Qed ngħid hekk għaliex xi wħud minn dawn it-talin huma membri ta' ċerti gruppi ta' talb. X'irrid ngħid? Nafu x'inhu jiġri f'ċerti żwiġijiet. Xi wħud mill-miżżewġin, malli jsibu ċerti ntoppi fiż-żwieġ, ma jridu xejn biex jaqbdu relazzjoni oħra barra ż-żwieġ, jew imorru jikkoabitaw ma' dik jew ma' dak.

Xi wħud, biex jiċċelebraw "jum il-ħelsien" mill-mara jew mir-raġel, jew "jum il-fidwa" ma' dik jew ma' dak, qegħdin jipprogrammaw safra biex jinsew id-dinja u l-inkwiet li kellhom mal-mara jew mar-raġel tagħhom u jibdew jieħdu r-ruħ u jgħixu mill-ġdid.



Xi wħud minn dawn it-talin ikollhom bżonn min iwassalhom il-mitjar. Jitolbu lil xi ħadd minn ħuthom li jkun jaf bl-istorja u bl-avventuri immorali tagħhom u dan, bħallikieku mhu qed jiġri xejn, tarah iwassalhom l-*airport* u qabel jitlaqhom jawguralhom il-vjaġġ it-tajjeb.

Dan it-tali jew din it-talija jistgħu jkunu persuni li qed jiffrekwentaw xi gruppi ekkleżjali ta' żmienna. F'dan il-każ, dawn it-talin ma jkunux qed jagħmlu att ta' karità. Lanqas xejn! Ikunu, anzi, qegħdin jissieħbu fil-ħażen u jsiru moralment responsabbli tiegħu. Isiru kompliċi fil-ħażen ta' ħuthom, sħabhom, il-ġirien tagħhom ...

F'każi bħal dawn ma nistgħux nirraġunaw b'moħħ ta' tfal u ngħidu: "Jiena nħoss li għandi nwassalhom sa l-*airport* għax fl-aħħar mill-aħħar ma nistax niġġudika."

B'dan ir-raġunament zopp wieħed ikun qed jipprova jgħatti x-xemx bl-għarbiel u jiżgiċċa mid-dmirijiet morali. Dawn jorbtuh fil-kuxjenza u 'l quddiem irid jagħti kont tagħhom quddiem Alla.

## 2 XI KWALITÀ TA' ĦRUĠ MILL-QUDDIESA TAL-ĦADD

Fi żmienna, minħabba ppjanar u ċensimenti, li saru moda kemm fil-qasam profan u sew ekkleżjali, hawn il-qima ta' l-istatistika. F'ċerti ċirkustanzi teżisti mistoqsija li saret komuni ħafna, l-aktar fuq fomm il-ġurnalisti. Din id-domanda ddoqq hekk: "F'Malta jew fil-parroċċa tiegħek kemm huma dawk li jmorru għall-Quddies ta' nhar ta' Ħadd u tal-Festi Kmandati?"

Ftit żmien ilu, waqt Kungress Ewkaristiku f'Milan, ġurnalista għamel domanda lil Mons. Ablondi. Staqsieh: "Kemm huma dawk li jmorru għall-Quddies f'Livorno?" L-Isqof irrispondieh b'mod intelliġenti ħafna. Qallu: "Ma jimpurtanix kemm huma dawk li jmorru għall-Quddies nhar ta' Ħadd fid-djoċesi tiegħi. Jimpurtani biss kif joħorġu mill-Quddiesa dawk li jkunu marru għaliha."

It-tweġiba ta' l-Isqof mhijiex ħafifa daqs kemm wieħed jaħseb. Diffiċli ħafna tgħid kif joħorġu f'ruħhom miċ-Ċelebrazzjoni Ewkaristika dawk li jkunu ħadu parti fiha. Il-grazzja ta' Alla hija sorprendenti u misterjuża. Ma nistgħux naqbduha f'idejna, nożaminawha u nkejluha f'xi laboratorju. Ma tobsorx biex toħroġlok.



Madanakollu, dwar dawk li jmorru regolarment għall-Quddiesa ta' nhar ta' Ħadd u tal-Festi, nista' ngħid xi ħaġa ġenerali ħafna fuqhom.

Xi wħud joħorġu armati sew għal ġimgħa ġdida, deċiżi li jridu jgħixu l-misteru ta' l-Għid fid-dawl tal-Kelma li jkunu semgħu; oħrajn ikunu marru għall-Quddiesa b'idejhom vojta u joħorġu l-istess għax ma jkunu approfittaw xejn; oħrajn imorru għaċ-Ċelebrazzjoni Ewkaristika diġà bid-dnub fuqhom u joħorġu fl-istess stat mingħajr ebda ħsieb u deċiżjoni li jbiddlu ħajjithom; oħrajn imorru għall-Quddiesa mingħajr ma jafu l-implikazzjonijiet, l-aktar dawk komunitarji tagħha u qatt ma jitgħallmu jsarrfuhom b'impenn soċjali, karitattiv u appostoliku fil-parroċċa; oħrajn joħorġu tqal bil-Kelma li jkunu semgħu fl-omelija, lesti li jmorru jaqsmuha għalenija mal-familjari morda tagħhom.

Il-varjetà negattiva li semmejt tkompli tiġri fost l-assemblea liturġika jekk is-saċerdoti mhux se jqumu fuq tagħhom u l-Quddiesa tal-Ħadd u tal-Festi - mhux l-omelija biss - jibdew jippreparawha sew matul il-ġimgħa.

• Mulej, għinni ħalli nirbaħ dejjem ir-rispett uman, qatt ma nissieħeb fil-ħażen ta' l-oħrajn, imma naħdem bla heda biex noħroġhom minnu.

• Ġesù Ewkaristija, agħmel li dejjem noħroġ mill-Quddiesa tal-Ħadd u tal-Festi aħjar milli nkun dħalt.

## Mill-Ittri tal-Qarrejja



• Nixtieq l-ewwelnett nagħtik prosit ta' din ir-rivista. Innanna tiegħi hija abbonata u meta tirċeviha, nieħu gost ħafna naqraha. L-aktar parti li nħobb hija l-paġna tal-poeżiji, li jkunu kollha talb mill-isbaħ li jqabbżulek ukoll xi demgħa. Jiena tfajla ta' 18-il sena u nħobb ħafna dan it-tip ta' kitbiet. Ngħid għalija m'hawn xejn isbaħ milli tikkomunika mal-Mulej permezz tal-kitba u tuża dan id-don biex tfaħħar lilu.

Filwaqt li nerġa' ntenni l-prosit tiegħi għar-rivista tassew interessanti, nirringrazzjak mill-qalb u nitolbok tberikni.

*L. Muscat - San Ġwann*

• Grazzi u prosit tat-tagħlim li fih **Dawl Franġiskan**. Jien inkun nistennieh bil-ħerqa. Grazzi ħafna. *N.N. - Dingli*

• Nirringrazzjak tad-**Dawl Franġiskan**, narah ħafna interessanti u aġġornat, u fih ħafna x'titgħallem u x'tista' twassal lil ħafna oħrajn. Prosit! *C. Vella*

• Grazzi ħafna tad-**Dawl Franġiskan** li qed ikun tassew interessanti. *Dun Salv Grima - Nadur*

## Is-Siegħa ta' Ġesù

*... Ikompli minn paġna 2*

Imbagħad jingħad li "kienet waslet is-siegħa tiegħu" mal-bidu tal-passjoni u l-mewt li wasslitu għall-glorja. Din hi s-siegħa ta' Ġesù: is-siegħa tal-glorja tiegħu.

Fuq l-isfond ta' dan il-kontest nistgħu nifhmu s-siegħa ta' Ġesù b'riferenza għas-siegħa tal-glorja tiegħu bil-passjoni u l-mewt u l-qawmien tiegħu mill-imwiet. Din hi s-siegħa "li kienet għadha ma waslitx" (7, 30; 8, 20). Imma kellha l-bidu tagħha fil-persuna ta' Ġesù li kien hemm preżenti u li kien qed jibda l-ministeru tiegħu fil-mixja lejn is-siegħa tiegħu.

F'Kana Ġesù ħa l-okkażjoni biex b'xi mod jantiċipa s-siegħa tiegħu, is-siegħa tal-glorja, jew iħabbarha bil-miraklu ta' l-ilma mibdul fl-inbid. "Bih wera l-glorja tiegħu" (2, 11). "Is-sinjal" ta' Kana kien bħal azzjoni simbolika li biha Ġesù fisser il-glorifikazzjoni tiegħu li kellha sseħħ meta tasal is-siegħa tiegħu.

Din tidher li kienet l-intenzjoni ta' l-Evanġelista meta għalaq l-istorja tat-tieġ ta' Kana b'din ir-riflessjoni: "Dan li għamel Ġesù f'Kana tal-Galilija kien l-ewwel wieħed fost is-sinjali tiegħu. Bih wera l-glorja tiegħu u d-dixxipli tiegħu emmnu fih" (2, 11).



# Il-Ħasil tar-Riġlejn fl-Evanġelju ta' San Ġwann

minn P. Martin MICALLEF ofm cap

***Wieħed mill-episodji sbieħ li nsibuh biss fl-Evanġelju ta' San Ġwann, huwa r-rakkont ta' meta Ġesù ħasel riġlejn id-dixxipli. Dar-rakkont hu mimli simboliżmu u teoloġija. Kull kelma użata hija magħġuna u mħaddma b'sena kbira. Il-pożizzjoni ta' dar-rakkont, fil-bidu tal-Kapitlu 13 tar-Raba' Evanġelju, diġà jurina li hu episodju importanti. Dan għaliex il-Kapitlu 13 jiftaħ it-tieni parti tar-Raba' Evanġelju. L-ewwel parti li tiġbor fiha il-Kapitlu 1 sa 12, titkellem mis-sinjali li għamel Ġesù, akkumpanjati mit-tagħlim tiegħu. L-iskop ta' din it-taqsima hu biex l-awtur iqanqal il-fidi f'Ġesù Kristu bħala l-Messija l-Iben ta' Alla (ara Ġw 20,31). It-tieni taqsima ta' dan l-Evanġelju, magħmula mill-Kapitlu 13 sal-Kapitlu 21, tirrakonta l-aħħar jiem ta' Ġesù fuq din l-art.***

*Ritratt fuq: Ġesù jaħsel riġlejn San Pietru - Espressjoni Etjopika.*

Il-pożizzjoni ta' l-episodju tal-ħasil tar-riġlejn fil-Kapitlu 13 huwa wieħed strateġiku. Huwa rakkont li jservi ta' introduzzjoni għar-rakkont tal-passjoni, il-mewt u l-qawmien ta' Ġesù. Fil-fatt, jekk aħna nippruvaw naqraw b'attenzjoni kbira dar-rakkont, nindunaw li dan hu rakkont miżgħud b'referenzi għal din il-ġrajja. Hekk jiftaħ ir-rakkont: *"Qabel il-festa ta' l-Għid"* (v.1). F'din il-festa, il-Lhud kienu joqtlu ħaruf biex imbagħad jikluh waqt l-ikla ta' l-Għid. Dan kien il-mod kif il-Lhud kienu jfakkru l-ħelsien tagħhom mill-jasar ta' l-Eġittu. Imma dan l-aħħar Għid ta' Ġesù kellu jkun differenti, għaliex din id-darba kien Alla l-Missier li kien se jissagrifika l-Ħaruf ta' l-Għid veru biex bid-demm tiegħu jsalva lil dawk li jemmnu. Dan diġà narawh sa mill-ewwel Kapitlu tar-Raba' Evanġelju, meta Ġwanni l-Battista jsejjaħ lil Ġesù bħala *"il-Ħaruf ta' Alla li jneħħi d-dnub tad-dinja"* (Ġw 1,29).

Bl-ewwel kelmiet tal-Kapitlu 13, fil-v.1, *"Qabel il-festa ta' l-Għid"* San Ġwann diġà qed jippreżentalna quddiemna l-avveniment il-kbir tal-passjoni, il-mewt, u l-qawmien ta' Ġesù Kristu. Ir-rakkont ikompli: *"billi kien jaf Ġesù li waslet is-siegħa tiegħu biex jgħaddi minn din id-dinja għal għand il-Missier"* (v.1). Hemm ħames affarijiet li rridu ninnutaw f'din is-sentenza. L-ewwel, l-użu tal-verb "jaf". San Ġwann jippreżenta lil Ġesù fir-rakkont kollu tal-passjoni qisu xi ►

"surmast tal-banda" li qed imexxi l-orkestra kollha. Għal Ġesù, dak il-waqt partikulari ma ġiex fuqu għal għarrieda. San Ġwann jaċċertana li Ġesù kien "jaf" li wasal il-waqt għalih. Din in-nota li Ġesù kien jaf ħafna affarijiet minn qabel, tiġri ma' dan l-Evanġelju kollu (ara Ġw 2, 24-25; 4,16-18; 6,6.70-71; 11,4; 13,3).

X'kien jaf Ġesù? Dil-mistoqsija iġġibna għat-tieni punt li rridu ninnutaw f'din l-ewwel sentenza tal-Kapitlu 13. Ġesù kien jaf li *"waslet is-siegħa tiegħu"* (v.1). Is-siegħa [bil-Grieg: *hora*], hija tema oħra importanti f'San Ġwann marbuta mal-passjoni u l-mewt ta' Ġesù. Fil-bidu ta' dan l-Evanġelju nsibu lil Ġesù jgħid li s-siegħa tiegħu kienet għadha ma waslitx (Ġw 2,4; ara wkoll 7,30; 8,20). Imma aktar ma' l-istorja tibda toqrob lejn it-tmiem, insibu lil Ġesù jistqarr li s-siegħa tiegħu issa kienet waslet. Imma x'inhi din is-siegħa? Is-siegħa ta' Ġesù kien il-waqt li għalih Ġesù ġie fid-dinja: *"Issa qiegħed inħoss ruħi mħawda. U x'naqbad ngħid? Missier, eħlisni minn din is-siegħa? Imma jien għalhekk ġejt: għal din is-siegħa"* (12,47). Mela, meta jirreferi għas-siegħa, San Ġwann, kien qed jifhem il-mewt ta' Ġesù. Għal dan Ġesù ġie fid-dinja: biex isalva lil dawk kollha li jemmnu fih permezz tad-demm tiegħu. Imma l-mod kif l-Evanġelista Ġwanni jitkellem fuq il-mewt ta' Ġesù hu differenti minn kif jitkellmu fuqha l-Evanġelji l-oħra.

Dir-rimarka ddaħħalna għat-tielet punt li rridu ninnutaw fl-ewwel vers tal-Kapitlu 13: *"Billi kien jaf Ġesù li waslet is-siegħa tiegħu biex jgħaddi minn din id-dinja għal għand il-Missier"* (v.1). L-aħħar frażi ta'din is-sentenza turina li għar-Raba' Evanġelista, il-mewt ta' Ġesù hija *passaġġ* li permezz tagħha Ġesù kellu jerġa' jmur għand il-Missier. Hekk jippreżentaha l-missjoni ta' Ġesù l-Evanġelista Ġwanni. Ġesù ġie mingħand il-Missier, wettaq ir-rieda tal-Missier, mar lura għand il-Missier biex imbagħad seta' jibgħat l-Ispirtu tiegħu. Hija missjoni f'forma ta' ċirku: tispiċċa minn fejn bdiet. Ġesù kien mal-Missier (1,1) u permezz tal-mewt tiegħu rritorna fil-glorja li kellu sa minn dejjem (17,5). Għalhekk San Ġwann jippreżentalna l-passjoni ta' Ġesù bħala l-waqt tal-glorifikazzjoni ta' Ġesù. Is-salib hu tron li minn fuqu Ġesù hu ppreżentat bħala "is-sultan tal-Lhud" (19,19). Mela, is-salib hu l-mezz li juri min hu Ġesù: *"meta terfgħu 'l fuq il-Bin il-bniedem, imbagħad tagħrfu li jiena hu"* (8,28). Issa l-espressjoni *"Jiena Hu"* [bil-Grieg: *ego eimi*] hija waħda qawwija ħafna. Skond it-Testment il-Qadim, dan



*Ġesù jaħsel riġlejn San Pietru.*
*Partikular, Mużew Djoċesan ta' Rossano.*

kien l-istess isem ta' Alla, kif jidher mill-episodju ta' meta Mosè ra l-għollieq jaqbad (Eż 3,14). Għalhekk meta Ġesù qed jgħid li minn fuq is-salib tagħrfu li *Jiena Hu* qed ifisser, li s-salib hu l-waqt tar-rivelazzjoni. Minn fuq is-salib dawk li jemmnu kellhom jagħrfu li Ġesù hu tassew Alla (ara Ġw 20,28).

Dan kollu jġibna għar-raba' punt li rridu ninnutaw fil-v.1. Din hi r-referenza għad-"dinja" [bil-Grieg: *kosmos*]. Mill-Kapitlu 13 'il quddiem, il-kelma "dinja" issir sinonima mal-kelma "Lhud". Id-dinja u l-Lhud għal San Ġwann huma żewġ kategoriji ta' nies li baqgħu ma emmnux f'Ġesù u għalhekk jibqgħu fid-dlam (ara 1,5). Minħabba f'hekk, San Ġwann jorbot lil dawn in-nies f'alleanza max-xitan li jissemma immedjatament fil-v.2 ta' dar-rakkont: *"Kienu qegħdin għall-ikel. Ix-Xitan kien ġa webbel lil Ġuda ta' Xmun l-Iskarjota u daħħallu f'rasu li jittradih"* (traduzzjoni ta' *l-Għaqda Biblika Maltija).* Saydon jgħid hekk: *"Waqt l-Ikla, meta kien ix-xitan diġà daħal f'qalb Ġuda..."*

It-test Grieg ma jgħidx *"daħħallu f'rasu"* imma *"daħħallu ġewwa qalbu."* Il-kelma "qalb" [bil-Grieg: *kardia*] hija sinifikattiva ħafna hawnhekk. Għal-Lhud il-post tad-deċiżjonijiet tagħna huwa l-qalb aktar milli l-moħħ. Huwa għalhekk li San Ġwann juża dil-kelma mad-deċiżjoni li ser jagħmel Ġuda. Minbarra hekk, San Ġwann juża wkoll il-prepożizzjoni "ġewwa" [bil-Grieg: *eis*] biex jurina kif ix-xitan infiltra fil-ġewwieni ta' Ġuda. F'kelma oħra, l-użu tal-prepożizzjoni "ġewwa" akkumpanjata mal-kelma "qalb" turi li Ġuda issa ġie ppussessat mix-xitan biex b'hekk seta' jittradixxi lil Ġesù. Hemm ħaġa oħra li rridu ninnutaw f'din is-sentenza: il-verb "daħħallu *f'qalbu*". Proprjament, it-test Grieg juża l-verb *ballo* li litteralment ifisser "twaddab". Is-sinifikat ta' dal-verb narawh dalwaqt. Din kienet tassew is-siegħa tad-dlamijiet. Huwa għalhekk li kif Ġuda joħroġ barra minn din iċ-ċena, l-Evanġelista jirrimarka: *"kien billejl"* (13,30). Id-dlam li qed jissemma hawn mhuwiex biss id-dlam ta' kull lejl, imma huwa wkoll id-dlam tad-dnub li jwassal għall-mewt.

L-aħħar ħaġa li rridu ninnutaw fil-v.1 hija għaliex Ġesù ried jagħmel din l-ikla. *"Hu, li kien ħabb lil tiegħu li kienu fid-dinja, ħabbhom għall-aħħar."* Biex napprezzaw is-sbuħija ta' din is-sentenza, irridu mill-ġdid inħarsu lejn it-test Grieg. Il-kelma "l-aħħar" - "ħabbhom *għall-aħħar*" - bil-Grieg *telos* għandha żewġ tifsiriet. Tista' tirreferi għal żmien

(bl-Ingliż: *to the end*). Imma tista' tfisser ukoll kwalità (bl-Ingliż: *to the fulfilment).* Mela, meta qed jgħidilna li Ġesù ħabb lil tiegħu "għall-aħħar" San Ġwann jista' jagħti l-każ li uża' dil-kelma apposta, biex biha jfisser li dan kien l-aħħar darba li Ġesù kien ser iħobb lil tiegħu u fl-istess ħin dan kien il-mod kif kien ser iħobbhom bl-ogħla mod li seta' jħobbhom. Tajjeb li nżidu wkoll, li l-aħħar kelma ta' Ġesù f'San Ġwann hija *"kollox mitmum"* [bil-Grieg: *tetelestai*] (19,30), li ġejja minn dil-kelma *telos* li kif għedna għandha dawn iż-żewġ tifsiriet. Bl-użu ta' dawn il-kliem, mela, jidher li l-episodju tal-ħasil tar-riġlejn, fil-kuntest ta' din l-ikla, huwa simbolu tal-mewt ta' Ġesù fuq is-salib; il-mod li bih Ġesù kellu juri kif ħabb lil tiegħu għall-"aħħar."

B'dan kollu f'moħħna, issa nistgħu nersqu aktar qrib lejn ir-rakkont tal-ħasil tar-riġlejn. *"Qam minn fuq il-mejda, neħħa l-mantar minn fuqu, ħa fardal u rabtu ma' qaddu. Imbagħad ferragħ l-ilma fil-lembija, u beda jaħsel saqajn id-dixxipli u jixxuttahomlhom bil-fardal li kellu ma' qaddu"* (vv 4-5). Sabiħa din ix-xena unika fl-Evanġelju, iffurmata minn serje ta' seba' verbi konsekuttivi ta' azzjoni. *"qam ... neħħa ... ħa ... rabtu ... ferragħ ... jaħsel ... jixxuttahomlhom..."* Mill-ġdid, meta nħarsu lejn dawn il-verbi bil-Grieg, immedjatament San Ġwann ifakkarna fil-passjoni li ser isseħħ dalwaqt. Hekk per eżempju, il-verb "neħħa" [bil-Grieg: *tithemi* - bl-Ingliż: *to lay down*] jissemma bħala waħda mill-azzjonijiet tar-Ragħaj it-Tajjeb fil-Kapitlu 10: *"Ir-Ragħaj it-Tajjeb JAGĦTI ħajtu għan-nagħaġ tiegħu"* (10,11). F'dal-kuntest il-ħwejjeġ ta' Ġesù ser isiru simbolu tal-ħajja tiegħu. Bħalma Ġesù neħħa *"ta"* ħwejġu, hekk ukoll huwa *"ta" (laid down)* ħajtu fuq is-salib għan-nagħaġ tiegħu.

Verb ieħor importanti fis-serje ta' sebgħa hu l-verb *"ferragħ"* [bil-Grieg: *ballo*]. Kif rajna diġà fil-v.2, it-tifsira litterali ta' dal-verb hu "twaddab." Biex napprezzaw il-qawwa ta' dal-verb irridu mela, niftakru fil-v.2 meta għedna li "ix-xitan kien diġà *waddab* ġewwa qalb Ġuda ...". L-użu ta' dan l-istess verb fi spazju daqshekk qasir mhuwiex b'kumbinazzjoni.

San Ġwann irid jurina li hawnhekk għandna żewġ forzi li qed jaħdmu kontra xulxin. Min-naħa għandna l-qawwa tax-xitan li qed tinfetta lill-qalb ta' wieħed mid-dixxipli billi qed *jitfa'* ġewwa qalb Ġuda ż-żerriegħa tal-ħażen. Min-naħa l-oħra għandna l-qawwa ta' Ġesù Kristu rappreżentata fl-ilma li qed *jitfa'* biex bih inaddaf u jippurifika dak li hu ħażin. Dan jerġa' joħroġ b'mod l-aktar sabiħ meta naqraw li wara li Ġesù miet, minn ġenbu ħareġ "demm u ilma" (Ġw 19,34). U l-ilma hu simbolu li fost l-oħrajn jirreferi għal Ġesù stess (ara 9,7).

B'dan f'moħħna issa nistgħu nibdew nagħmlu l-konklużjonijiet tagħna. X'inhi t-tifsira ta' dan l-episodju tal-ħasil tar-riġlejn? Mhemmx tweġiba waħda għal dil-mistoqsija. Xi wħud jikkonkludu li dan l-episodju hu simbolu tal-passjoni ta' Ġesù Kristu. Hekk kif Ġesù ħasel ir-riġlejn tad-dixxipli biex inaddafhom, hekk ukoll bil-mewt tiegħu huwa kellu jnaddaf mid-dnub lil dawk kollha li jemmnu fih. Interpretazzjoni oħra hija li dar-rakkont hu simbolu tal-magħmudija tagħna. Bħalma l-ilma tal-magħmudija jnaddaf id-dnub ta' dawk li jersqu biex jirċievu dan is-sagrament, hekk ukoll San Ġwann ried jurina li bil-ħasil ta' l-Ilma, Ġesù kien qed ifakkar fil-grazzji li jagħti dan is-sagrament.

Interpretazzjoni oħra hija li Ġesù wettaq dan l-għemil biex iħallilna eżempju. Il-ħasil tar-riġlejn kien għemil ta' umiljazzjoni kbira, tant li lanqas l-iskjavi Lhud ma kellhom jagħmluh, imma biss l-iskjavi pagani. Din kienet liġi Lhudija bbażata fuq Lev 25, 39. Li dan kien għemil ta' umiljazzjoni kbira jidher mir-reazzjoni li għamel Pietru quddiem din ix-xena (v.9). Oħrajn qalu li l-ħasil tar-riġlejn huwa simbolu ta' l-Ewkaristija li tagħtina "sehem" mill-misteru ta' Ġesù Kristu. Hekk jgħidlu Ġesù lil Pietru: *"Jekk ma naħsillekx saqajk, ma jkollokx X'TAQSAM* [bil-Grieg: *meros,* litteralment tfisser: sehem mill-wirt] *miegħi"* (13, 8).

Id-diversità f'dawn il-konklużżjonijiet juruna r-rikkezza kbira ta' dar-rakkont. Ħaġa waħda hija ċara: li l-ħasil tar-riġlejn fil-Kapitlu 13 ta' San Ġwann jagħti enfasi Kristoloġika. Huwa rakkont li permezz tiegħu nidħlu fil-misteru ta' l-Għid: il-passjoni, il-mewt u l-qawmien ta' Ġesù Kristu. ❑



***Il-ħasil tar-riġlejn. Ikona tas-Seklu XVI.***



# Knisja Ġdida f'Wema



**minn P. Spiro GALEA ofm cap**

***Fil-Kenja, it-12 ta' Diċembru 1999, hija meqjusa bħala festa pubblika (Jamhuri Day). Għall-parroċċa ta' Wema kienet ġurnata speċjali għaliex f'dan il-jum ġiet imbierka u miftuħa uffiċċjalment il-knisja l-ġdida. Fr. Maurice Cassar kien qed jirrappreżenta l-parroċċa ta' Mpeketoni, filwaqt li Fr. Joe Galea, Fr. David Kamua Mbugua u P. Spiro Galea kienu qed jirrappreżentaw il-parroċċa ta' Hola.***

Il-funzjoni bdiet fl-10.30 ta' filgħodu bil-purċissjoni mill-knisja l-qadima sa ħdejn il-knisja l-ġdida. Kif wasalna quddiem il-bieb tal-knisja l-Isqof, Mons. Pawlu Darmanin, qal it-talba tat-tberik u, mgħejjun mill-kappillan Fr. Alex Campon, beda jroxx l-ilma mbierek madwar il-knisja minn barra. Imbagħad fetaħ il-bieb prinċipali u l-ewwel daħal l-Isqof segwit mill-kleru u poplu. Kif kulħadd qagħad f'postu, Fr. Alex ta merħba lill-Isqof, lis-saċerdoti u lir-



rappreżentanti ta' knejjes oħra u lil dawk kollha preżenti. Fisser fil-qosor l-istorja ta' kif bdiet il-Missjoni ta' Wema - l-ewwel parroċċa tad-djoċesi - ix-xogħol li għamlu l-Holy Ghost Fathers, kif ukoll il-patrijiet Kapuċċini Maltin li damu għal aktar minn għoxrin sena f'din il-parroċċa. Fil-fatt, wara li kont spiċċajt jien minn hemm, kien ġie warajja Fr. Joe Gauci li ħaseb biex tinbena l-knisja l-ġdida.

Imbagħad l-Isqof ta bidu għall-Konċelebrazzjoni li kienet imżewqa bil-kant mill-korijiet ta' Wema, Garsen u Moa, kif ukoll biż-żfin tat-tfal jakkompanjaw il-kant f'diversi waqtiet taċ-ċelebrazzjoni.

Fl-omelija, l-Isqof qal li din il-festa kienet il-bidu tal-ftuħ uffiċċjali wkoll tal-Ġublew il-Kbir li fih qed infakkru l-elfejn sena mit-twelid ta' Sidna Ġesù Kristu. Fisser kif l-unità tal-parroċċa jeħtieġ li tiġi mfissra u mwettqa billi l-komunitajiet minn diversi villaġġi jkunu magħquda u jikkooperaw flimkien għall-ġid u l-progress tal-parroċċa kollha.

Waqt il-ħin ta' l-offerti, in-nies tellgħu quddiem l-altar diversi offerti mill-prodotti tagħhom.

Meta spiċċat il-funzjoni ta' ġewwa l-knisja dawk kollha preżenti, madwar elfejn ruħ, inġabru ħdejn is-*Social Hall* ta' Wema, u kulħadd kellu l-possibilità li jiekol platt ross u *mug* tè filwaqt li l-korijiet, permezz tal-kant sabiħ tagħhom, komplew iżejnu din l-atmosfera ta' ferħ fil-villaġġ ta' Wema. ❑







***Ritratti xellug: Tliet mumenti miċ-Ċelebrazzjoni tat-tberik u l-ftuħ tal-knisja ta' Wema.***

## JIKTBULNA L-MISSJUNARJI

### • Mill-Etjopja

Għeżież ħbieb,

Inrodd ħajr 'l Alla għalikom. Intom għintuni biex naqsam l-imħabba, is-sliem u l-ferħ ta' Kristu mal-fqar. Jalla l-Mulej jgħinkom biex tkomplu tkunu għodda f'idejH, jew aħjar issiru għajnejH, idejH, saqajH u qalbu għall-fqar.

Inroddilkom ħajr minn qalbi u nixtiqilkom is-Sena l-Ġdida tal-Ġublew 2000 mimlija ġid u barka tas-sema. Ftakru li intom dejjem tieħdu sehem fit-talb u l-quddiesa ta' kuljum tiegħi.

Itolbu wkoll għalina.

*P. Taddew Schembri OFM Cap.*

### • Mit-Tanzanija

Għażiż Fr. Joe,

Nirringrazzjak ferm tad-Dawl Franġiskan li jasal regolari anke jekk xi drabi jdum; imma dejjem wasalli u niddevorah kif jasal għax veru nteressanti, *display* mill-aħjar possibbli u hekk nixtieq inwassal permezz tiegħek prosit u awguri lill-kollaboraturi kollha: l-Aħwa Kapuċċini u lajċi li veru jwasslu tagħlim bnin li jmantni l-ħajja tan-nisrani u l-franġiskan b'aħbarijiet sbieħ fuq il-Missjoni. Nixtieq ukoll inwassal ir-radd il-ħajr tiegħi minn qalbi lill-benefatturi kollha tal-Missjoni. Grazzi u dejjem nitlob għalikom u l-familji tagħkom.

*P. Silvestru Bonavia OFM Cap.*



# Sejħa Missjunarja
## Esperjenza ta' Faqar Evanġeliku

minn P. Philip CUTAJAR ofm cap

***Wara ftit xhur bħala missjunarju fil-gżira kbira ta' Kuba, nixtieq li permezz tar-rivista "Dawl Franġiskan" insellem lill-qarrejja kollha, ħbieb u benefatturi kbar tiegħi. Għalkemm esperjenza ta' ftit xhur hija waħda ferm limitata, xorta waħda hemm ħafna x'wieħed jista' jaqsam magħkom. U proprju l-ewwel aspett li nixtieq inwasslilkom minn din l-esperjenza tiegħi huwa l-aspett tal-faqar evanġeliku li l-missjunarju jgħix fis-sejħa tiegħu.***

Kull reliġjuż u reliġjuża huma msejħin sabiex, huma fejn huma, jagħmlu din l-esperjenza ta' faqar evanġeliku b'sejħa speċjali bħala l-istat ta' ħajjithom fil-mixja tagħhom aktar mill-qrib u b'mod aktar radikali wara Ġesù. Imma issa, li għaddejt u qed ngħaddi minnu b'esperjenza personali, dan jgħaddi minnu b'dimensjoni aktar espressiva u qawwija kull min iħaddan il-vokazzjoni missjunarja fis-sens strett tat-tifsir tal-kelma.

Matul il-mixja ta' 35 sena ħajja reliġjuża kelli diversi mumenti qawwija fejn minħabba xi ċirkustanzi partikulari ħassejt li l-Mulej ried joftomni minn dak li mhux HU - bil-għan li ngħix il-faqar evanġeliku fit-totalità tiegħu. M'għandix l-ispazju meħtieġ biex noqgħod insemmi dawn iċ-ċirkustanzi kollha, li kienu ħafna. Però qatt daqs dan il-mument partikulari ma ħassejtni li qed ngħix b'mod hekk sħiħ u qawwi l-esperjenza ta' x'jiġifieri meta l-Mulej jgħidlek: "Itlaq kollox u ejja warajja ..." u "Min iħobb lil ommu u lil missieru aktar minni ma jistħoqqlux ikun miegħi."

### "ITLAQ KOLLOX ..."

Mhux faċli Mulej! Imma hekk emmint li talab minni l-Mulej u jiena fittixt u għadni qed infittex li nagħmel.

- *Ritratt fiq: P. Philip flimkien mal-kor tat-Tiġdid Kariżmatiku*
- *Isfel: Flimkien ma' P. Dario Betancourt meta mexxew flimkien quddiesa b'talb għall-fejqan f'Habana.*
- *Isfel xellug: Mat-tfal tal-klassi tal-Katekiżmu.*





Il-qawwa ta' din l-istedina ħassejtha meta 35 sena ilu tlaqt mid-dar, lill-familja u lill-ħbiebi biex mort nagħti bidu għas-sena tan-novizzjat fil-kunvent ta' Għawdex. Illum, għal darb'oħra, qed nagħmel esperjenza qawwija ta' xi tfisser u x'titlob minnek meta l-Mulej jgħidlek: "Itlaq kollox ..."

Trid titlaq saħansitra dak li huwa tajjeb u li tkun qed tagħmlu f'ismu, bħalma huma d-diversi ħidmiet pastorali li kont qed nagħmel f'Malta. Trid titlaq u tiftaqar minn dak kollu li kont inqisu bħala li hu tiegħi u li jappartieni lili: il-kamra għalkemm ċkejkna, il-kotba, ħafna mill-ħwejjeġ x'nilbes, il-kumditajiet li kont imdorri bihom f'Malta ... Itlaq u ħu miegħek bagalja waħda jew tnejn (oqgħod attent mill-*over weight*) u mur fejn nibagħtek jien. Biex tkompli tagħqad il-Mulej f'dan l-aspett talabni biex ninfatam anke minn dak il-ftit li ġarrejt miegħi u li kont naħseb li hu neċessarju għalija, għax kif wasalt Kuba tlift il-bagalja bil-ħwejjeġ x'nilbes li kelli fiha. U s'issa għadni mingħajrha. Anqas ħwejjeġ x'nilbes ma ħallieli l-Mulej. Kemm hu esiġenti!



*P. Philip flimkien ma' P. Fidenzio mat-tfal tad-duttrina fil-Kappella Santa Cruz.*

### "MIN IĦOBB LIL OMMU U LIL MISSIERU AKTAR MINNI ..."

Din hija ferm aktar iebsa! Li titlaq 'il bogħod għal żmien twil u tħalli warajk lil ommok, mara ta' 86 sena, kien hemm min qalli li hi ġennata. Imma l-Kelma tal-Mulej tant ħassejtha qawwija li saret irresistibbli ... saret taħraq daqs in-nar fija. Naf li lil ommi umanament weġġajtha. Nitlobha taħfirli. Imma jien, li naf lil ommi bħala mara ta' fidi kbira, żgur li hi fehmet il-pass tiegħi, u għalhekk qabel tlaqt berkitni b'idejha t-tnejn.

U ma' l-għażiża ommi ħallejt ukoll warajja lil ħuti bil-familji sbieħ tagħhom li lkoll iħobbuni. Ħallejt lil qrabati. Ħallejt lill-Aħwa Kapuċċini Maltin li nħobbhom ħafna u naf li huma wkoll iħobbuni. Ħallejt ukoll lil ħafna ħbieb kbar u li tassew iħobbuni. Ma' dawn kollha jiena bnejt relazzjoni ta' mħabba u rispett kbir - għalhekk li ħallejthom u nfridt minn magħhom hija esperjenza ta' faqar evanġeliku li trid fibra biex twettqu. Imma naf li din l-esperjenza mitluba mill-Mulej ser tħalli frott abbundanti kemm fija personalment kif ukoll fit-tixrid tas-Saltna tiegħu.

B'din l-esperjenza ta' faqar evanġeliku qed inħossni, aktar minn qatt qabel, tassew Franġiskan. Franġiskan mhux għax qed ngħix dimensjoni oħra mill-karizma Franġiskan - dik missjunarja, imma wkoll għax qed ngħix b'mod tassew radikali l-faqar evanġeliku.

B'din l-esperjenza ta' faqar evanġeliku, li fil-bidu ġagħlitni nbati billi ħariġli mhux biss qtar tad-dmugħ minn għajnejja imma wkoll qtar ta' demm moħbi minn qalbi, qed tferraħni b'ferħ li ma nistax infissru. Ferħ li jiġi mill-fatt li taf li tkun qed tagħmel ir-rieda ta' Alla bla biża', bla kompromessi, bil-kuraġġ u anke meta din titlob sagrifiċċji kbar.

B'din l-esperjenza ta' faqar evanġeliku nifraħ għax b'mod aktar sħiħ qed ngħix faċċata oħra mill-Evanġelju - l-aħħar faċċata fejn Ġesù jgħidilna: "Morru qalb il-ġnus kollha u xandru l-Bxara t-Tajba ... Morru għallmu u għammdu lill-ġnus kollha ... min jemmen u jitgħammed isalva."

B'din l-esperjenza ta' faqar evangeliku nifraħ għax naf li qed tkun esperjenza li tkabbarni fil-vokazzjoni tiegħi kemm bħala nisrani kif ukoll bħala reliġjuż. Hija esperjenza li tagħtini opportunità ħalli nkompli nkattar fija d-dimensjoni universali ta' Knisja fejn id-dinja ssir il-parroċċa tiegħi. Opportunità ħalli nkompli nikber fil-maturità umana, spiritwali u reliġjuża.

Għal dan kollu nrodd ħajr lil Alla tal-fiduċja tiegħu fija billi sejjaħli u qed jagħtini grazzja fuq grazzja. Grazzi kbira wkoll lil dawk kollha li għenuni biex lill-Mulej inkun nista' ngħidlu: "Iva ... hawn jien Mulej, ibgħat lili." ❑

**Fr. Philip Cutajar ofm cap.**
**Parroquia La Pastora, C/Sindico, 4 entre Cuba y Villuendas**
**50100 Santa Clara (Villa Clara) CUBA**
**Tel: 0053-422-26 55 4 Fax: 0053-422-28 03 2**
**E-Mail aurelioe@antares.transnet.cu**

**Kull offerta b'risq il-missjoni tal-Kapuċċini f'Kuba tista' titpoġġa fl-HSBC Acc. No. 44407887 jew titwassal fl-Uffiċċju tal-Missjoni, Kapuċċini, Floriana.**

# Il-Misteru ta' l-Inkarnazzjoni u San Franġisk fil-Filatelija

minn P. Martin MICALLEF ofm cap

## IR RABA' PARTI

**19.** It-tieni bolla ta' valur 2K, li ħareġ il-Laos fl-450 Anniversarju mill-mewt ta' A. Correggio, hija wkoll riproduzzjoni ta' waħda mill-pitturi ta' A. Allegri, imlaqqam *Il Correggio* (1489-1534). Din turi l-waqfa ta' mistrieħ tal-Familja Mqaddsa fil-ħarba lejn l-Eġittu. San Franġisk li ma jidhirx kollu, jinsab fuq in-naħa tal-lemin, għarkobbtejh, b'idejh miftuħa. Il-pittura tinsab fil-*Galleria Degli Uffizi*, ġewwa Firenze.




**20 u 21.** Dawn l-istess żewġ bolli (nn. 18 u 19) reġgħu dehru fl-istess sena 1984, din id-darba maħruġin mill-Kampuċja f'serje ta' seba' bolli. Il-Bolli li jinteressawna huma dawk bil-valur ta' 20r (ara n.19) u l-oħra bil-valur ta' 80r (ara n.18).







**22.** Fl-istess sena, fid-9 ta' April 1984, fl-okkażjoni ta' l-450 Anniversarju mill-mewt ta' Correggio, Turks & Caicos tawna sett ta' erba' bolli u fuljett.




Il-bolla li tinteressana hija dik li ġġib il-valur ta' 15c u bl-istess stampa tan-n.19, bid-differenza li din id-darba tidher biss parti mill-id il-leminija tal-figura ta' San Franġisk.

**23.** Nibqgħu fl-istess sena, 1984, u nsibu li l-Vietnam ħareġ fuljett ta' valur ta' 10d li jġib l-istess rappreżentazzjoni ta' n.18, jiġifieri, iż-żwieġ mistiku.




**24.** Fil-festa tal-Milied 1984, il-Gżejjer Cook ħarġu 5 fuljetti mill-isbaħ. It-tieni waħda, dik tal-valur 95c + 5c hija riproduzzjoni ta' waħda mill-pitturi ta' A. Vivarini (1446-1503). Din turi lill-Madonna bilqiegħda fuq tron bll-Bambln wleqaf f'ħoġorha, imdawrin minn erba' qaddisin. Fuq in-

naħa tal-lemin hemm San Franġisk b'idejh miftuħin (tidher biss il-leminija), u n-naħa l-oħra, fit-tarf iħares lejh, jidher Sant'Antnin bil-ktieb ta' l-Evanġelju f'idejh ix-xellugija.




**25.** Fis-17 ta' Novembru 1984, fl-okkażjoni tal-festa tal-Milied, Sierra Leone tana serje ta' erba' bolli u fuljett. Il-fuljett li jġib il-valur ta' 40L jirrappreżenta t-tila ta' Tiziano, imma l-bolla, minħabba li hija pjuttost oskura, ma toħroġx tajjeb




il-kuluri sbieħ ta' dal-kwadru li juri lill-Madonna bil-Bambin li qed iħares lejn San Franġisk b'idejh miftuħin. Ma' dawn jidhru wkoll il-familja Pesaro. Kif ser naraw, l-istess pajjiż reġa' tana dan il-fuljett, din id-darba b'kuluri isbaħ (ara n. 29).

**26.** Fil-Milied ta' l-1986, Niue ħareġ żewġ fuljetti mill-isbaħ kif ukoll serje ta' erba' bolli li jerġgħu jidhru f'wieħed minn dawn il-fuljetti. Dak li jinteressana l-aktar huwa l-fuljett li jġib il-valur ta' $7.50 li juri l-Madonna ta' Foligno (ara n.15).




**27.** Fl-istess sena, 25 ta' Ġunju 1986, l-Ordni Sovran Militari ta' Malta ħareġ bolla li turi biss parti minn din il-pittura, li tkellimna fuqha fin-n.26. Din id-darba, iżda, tidher biss parti minn ras San Franġisk. Forsi l-għażla ta' din il-bolla għall-Kavallieri hija minħabba li f'din il-pittura jidher San Ġwann Battista li għandu rabta qawwija mal-Kavallieri msejħin ta' San Ġwann.




*Ikompli fil-Ħarġa ta' Mejju*

*P. Renat Spiteri qalb is-siġar fuq l-għola tax-Xemxija.*

minn P. Franġisku AZZOPARDI ofm cap



# Tifkira ta' P.Renat Spiteri

1906 - 2000

Il-Provinċja ta' l-Aħwa Kapuċċini bdiet is-sena 2000 bit-telfa ta' P. Renat Spiteri fl-għomor ta' 94 sena neqsin xahrejn. Il-mewt tiegħu ġrat nhar it-Tnejn, 10 ta' Jannar 1900 fid-Dar tal-Kleru *Christus Sacerdos*, Birkirkara, fejn kien ilu jgħix tul dawn l-aħħar sitt snin u nofs. Tabilħaqq kienet l-attenzjoni, il-kura u l-imħabba tal-Qaddejja taċ-Ċenaklu li żammewh ħaj għal daqshekk żmien. Ħaqqhom ħajr u tifħir għal kulma għamlu ma' dan Ħuna u ma' oħrajn.

"Aħna l-Kapuċċini", qal il-Provinċjal fl-Omelija tal-funeral ta' P. Renat, "ser inħossu n-nuqqas tal-figura ta' Kapuċċin tradizzjonali, qisu ħiereġ mill-paġni tal-Manzoni: miġbur, serju u miġjub mill-poplu, imfittex mill-Kleru u min-nies għad-direzzjoni spiritwali u għall-Qrar. Kellu ħbieb ta' kull xeħta, ħaddiema tal-moħħ u ħaddiema ta' l-idejn li magħhom kien jiltaqa' fil-mixjiet twal li kien jagħmel fuq l-għolja tax-Xemxija u madwar Selmun, b'xi ktieb f'idejh ta' siwi spiritwali jew lingwistiku."

P. Renat twieled fis-27 ta' Marzu 1906 f'Ħal Lija minn Pietru u martu Marta, imwielda Grech. Għammduh jumejn wara fil-knisja parrokkjali tal-post u ġie mogħti l-isem ta' Renato. Hu kien l-iżgħar fost 7 aħwa: 4 subien u 3 bniet.

Meta temm it-tagħlim primarju fl-Iskola ta' l-Istat f'Ħal-Lija, huwa qabad l-istudji sekondarji b'lezzjonijiet privati mingħand il-Patrijiet Kapuċċini. Fl-istess żmien kien jaħdem fil-



*Bilwieqfa mil-lemin: Fra Renat Spiteri u Fra Alipju (Ġorġ) Pisani bħala studenti tal-Filosofija (1929 c.) Bilqiegħa mil-lemin: Fra Fidiel Vella, Student, u P. Bernard Galea, Professur tal-filosofija.*

Kumpanija tat-Tram ta' 18-il sena, imbagħad ġie mħajjar mill-kappillan ta' Ħal-Lija, Dun P. Buhagiar, biex jidħol mal-Kapuċċini. Tabilħaqq huwa ġie aċċettat fl-Ordni tagħna minn P. Paternjanu minn Grottamare (Marche, Italja), li kien Provinċjal hawn Malta dak iż-żmien.

Fl-1 ta' Frar 1924, beda n-Novizzjat bl-istess isem tal-magħmudija, fil-kunvent tal-Kalkara fejn sab lil sħabu Manwel Lateo mill-Belt Valletta († 18.10.1987), Fidiel Vella miż-Żebbuġ, Għawdex († 27.12.1966), Kamillu Camilleri mill-Ħamrun († 17.4.1966), Anġeliku Gatt mir-Rabat, Għawdex († 24.11.1984), u Pawlinu Said mill-Ħamrun († 5.1.1968), li bdew in-Novizzjat ftit xhur qablu.



*P. Renat quddiem il-knisja tal-Kapuċċini fil-Furjana (1956-58)*

F'għeluq is-sena tan-Novizzjat, għamel il-Professjoni Temporanja, u fit-2 ta' Frar 1928, intrabat bil-Wegħdiet Perpetwi. Kif temm l-istudju tat-Teoloġija, huwa ġie ordnat Presbiteru mill-Isqof ta' Għawdex, Mons. Mikiel Gonzi, fil-Kattidral ta' dik id-Djoċesi, nhar l-24 ta' Settembru 1932.

Matul il-ħajja twila tiegħu - kważi 94 sena - Ħuna P. Renat wettaq ħafna ħidmiet mifruxa fuq bosta oqsma skond il-bżonn. Bħala Reliġjuż Kapuċċin, tul ta' 76 sena, ta sehmu għal bosta snin fit-trawwim ta' l-Istudenti, speċjalment fiż-żmien imwiegħer tat-Tieni Gwerra Dinjija (1940-1945). P. Renat kien iħobb jaqra ħafna u jistudja waħdu. Bis-saħħa ta' hekk irnexxielu jikseb l-għarfien meħtieġ ta' ilsna barranin, bħal l-Ingliż, il-Franċiż u l-Ġermaniż, minbarra dawk tat-Taljan u l-Latin. Hu minnu li ma kellux gradi akkademiċi, iżda kien autodidatta. F'dan il-qasam għadda ħafna żmien jgħallem l-ilsna lill-Istudenti tagħna u liż-żgħażagħ fl-Iskola Serafika.

Barra minn dan ix-xogħol fil-kunventi, Ħuna Renat wettaq ħidma sfiqa pastorali, l-aktar fl-amministrazzjoni tas-Sagramenti lill-morda fl-isptarijiet: San Bartilmew, San Vincenz de Paul, Blue Sisters Hospital (illum Zammit Clapp), fejn dam madwar 20 sena, kif ukoll kappillan taċ-ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata, Raħal Ġdid. Bosta minn dawn il-ħidmiet huwa qdiehom mill-kunvent tagħna tax-Xemxija fejn kien ilu membru ta' din il-fraternità sa mill-1959 sakemm inġabar id-Dar tal-Kleru.

Ħidma pastorali oħra li kienet għal qalbu u li wettaq b'ħeġġa kbira kienet dik ta' Kappillan tal-Parroċċa tat-Trinità Qaddisa, il-Marsa, bejn l-1945 u 1949. Ħuna Renat baqa' mfakkar għall-imħabba li kellu lejn il-foqra. L-hena tiegħu kienet meta kien ikollu x'jagħtihom għall-ħajja u l-għejxien tagħhom. Fi żmienu nfetħu l-*Cold Storage Premises*, il-Marsa. Hu kien l-ewwel wieħed li daħal fil-post biex ibierku, fil-preżenza tal-Gvernatur ta' Malta, Sir Francis Douglas u l-Prim Ministru Dr. Paul Boffa.

P. Renat wera interess ukoll lejn il-morda, kemm tal-Parroċċa fi djarhom, kif ukoll lejn Ħutna r-Reliġjużi fil-fraternitajiet tagħna stess. Ikollna ngħidu li P. Renat kellu personalità axxetika qawwija, rigoruża u dixxiplinata. Imsaħħaħ mill-konvinzjonijiet u t-twemmin tiegħu, kien ta' xeħta konservattiva dwar it-tibdil li sar wara l-Konċilju Vatikan II. B'danakollu, huwa ħallielna eżempji ta' Reliġjuż konvint mis-sejħa tiegħu li għexha sa mewtu. It-talb fit-tul u waħdu kien għajn ta' qawwa u enerġija spiritwali. Kien iħobb jippriedka fuq l-imħabba li Sidna Ġesù wriena meta fl-Aħħar Ikla ta lilu nnifsu bħala ikel u xorb u ried li dan nibqgħu nagħmluh b'tifkira tiegħu.

Bħal missieru, kien bniedem edukat u ta' mġiba dejjem korretta. Xi ċajta kien jaf jgħidha, u jitbissem ukoll għal xi waħda li kien jisma'. Tajjeb ngħidu wkoll kemm kien nadif f'persuntu, fil-kamra, u fuq kollox, f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-artal u l-knisja fil-funzjonijiet liturġiċi.

Il-funeral tiegħu sar fil-knisja tagħna, il-Furjana, b'quddiesa konċelebrata mmexxija mill-Ministru Provinċjal, P. Crispin Tabone, b'għadd ġmielu ta' Aħwa minn kull fraternità u mill-Kleru Djoċesan. Kien tassew f'waqtu s-sehem fil-quddiesa li ħa l-ex novizz tagħna, Mr. Walter Camilleri, bil-qari mill-Kotba Mqaddsa. Dan kien ħabib tiegħu u kien imur iżuru sikwit.

Filwaqt li nġeddu t-twemmin tagħna f'ħajja oħra li ma tintemm qatt, nagħtu l-għomor lill-familja tiegħu, speċjalment lin-neputijiet Marta Spiteri u Jospehine Tonna. R.I.P. ❑



*P. Renat waqt quddiesa fid-Dar tal-Kleru, B'Kara fejn għex tul dawn l-aħħar sitt snin u nofs.*

# Il-Pellegrinaġġ, il-Bieb u l-Indulġenzi



Il-Ġublew li l-Knisja qiegħda tiċċelebra din is-sena huwa espressjoni qawwija li biha Alla, fil-pedagoġija tiegħu, iwassal lill-bnedmin kollha biex isalvaw. Dan, il-bnedmin jagħmluh billi jduru lejn Alla, niedma u sogħbiena minn dnubiethom. U hekk dan il-Ġublew jimmarka seba' sekli ta' storja tal-Ġublewijiet u qed iqiegħed lill-Knisja fuq l-għatba tat-tielet Millennju tal-Kristjaniżmu. Il-Ġublew għandu jkun qawwa biex il-komunità nisranija mad-dinja kollha tagħraf tiġġedded fi Kristu.

minn *P. Publius MAIR ofm cap*

### IL-PELLEGRINAĠĠ

Fil-bolla *Incarnationis Mysterium*, il-Papa Ġwanni Pawlu II għażel żewġ ċentri partikulari għaċ-ċelebrazzjoni ta' dan il-Ġublew: Ruma u l-Art Imqaddsa. Ruma għaliex Alla, fil-providenza tiegħu, għażilha biex tkun is-sede tas-suċċessur ta' San Pietru. L-Art Imqaddsa għax hija l-art fejn twieled u għex Ġesù Kristu, il-Feddej tal-bnedmin. Dan ma jfissirx li l-Ġublew jiġi ċċelebrat biss f'dawn iż-żewġ ċentri hekk għeżież għall-insara tad-dinja kollha. Kif qal il-Papa nnifsu, il-Ġublew jiġi ċċelebrat fil-knejjes partikulari fejn l-insara jħejju ruħhom b'talb, katekeżi u ħidma pastorali ta' ħafna suriet. Dal-Ġublew għandu tifsiriet partikulari: huwa qed idaħħalna fit-tielet elf sena minn mindu Ġesù Kristu sar bniedem bil-għan li jgħin lill-insara jwasslu lil Kristu fis-soċjetà ta' llum.

Il-pellegrinaġġ li kull nisrani huwa mistieden jagħmel matul is-sena tal-Ġublew huwa sinjal ta' xhieda ta' fidi. Il-pellegrinaġġ tal-Ġublew huwa marbut ħafna mal-qagħda tal-bniedem. Sa mit-twelid tiegħu,

kull bniedem jista' jqies ħajtu bħala mixja kontinwa. Fit-Testment il-Qadim kien hemm drawwa qaddisa fejn il-Lhud kienu jinżlu pellegrinaġġ lejn Ġerusalemm, fejn kien hemm l-Arka tal-Patt jew is-Santwarju ta' Bethel (Mhal 20, 18). Fl-Evanġelju nsibu wkoll lil Ġużeppi flimkien ma' Marija u t-tfajjel Ġesù jinżlu Ġerusalemm f'pellegrinaġġ (Lq 2, 41). Il-pellegrinaġġ ifakkar lill-insara fil-mixja tagħhom wara Kristu. Kif jgħallem il-Papa fid-dokument, il-pellegrinaġġi dejjem kienu jfissru ħafna fil-ħajja tan-nisrani, għalkemm kellhom suriet kulturali differenti tul iż-żminijiet. Pellegrinaġġ huwa tifkira personali tan-nisrani fil-mixi tiegħu wara Kristu Feddej; hu għemil ta' axxetiżmu prattiku, ta' ndiema għad-dgħufija tal-bniedem, ta' għassa dejjiema fuq in-nuqqasijiet ta' dak li jkun, ta' tħejjija minn ġewwa għall-bidla tal-qalb. B'sahriet, sawm u talb, il-pellegrin jimxi 'l quddiem tul it-triq tal-perfezzjoni nisranija, huwa u jitħabat biex isir, bl-għajnuna tal-grazzja ta' Alla, "raġel fl-aħjar ta' żmienu, u hekk isseħħ il-milja ta' Kristu" (Ef 4, 13).





***Il-Ġublew għandu jkun qawwa biex il-komunità nisranija mad-dinja kollha tagħraf tiġġedded fi Kristu.***

**IL-BIEB**

Meta nhar il-lejl tal-Milied il-Papa ta bidu għall-Ġublew f'ċerimonja li rawha mijiet ta' miljuni fuq it-televiżjoni, il-Papa fetaħ il-Bieb Imqaddes fil-Bażilka ta' San Pietru. Il-ftuħ tal-Bieb tal-Ġublew għandu sens ta' passaġġ. Huwa mogħdija mid-dnub għall-ħajja ta' grazzja li kull nisrani hu msejjaħ biex iwettaq tul ħajtu. Huwa mod kif l-insara jiftħu qalbhom għal Kristu.

Fl-Evanġelju ta' San Ġwann (10, 7), Ġesù hu l-"Bieb". Ħadd ma jista' jmur għand il-Missier jekk mhux bi Kristu. Hu Kristu waħdu li jwassal lill-insara għas-salvazzjoni fi Ħdan il-Missier. Kulmin fil-pellegrinaġġ jgħaddi mill-Bieb Imqaddes jiftakar li "hi deċiżjoni li tissoponi libertà fl-għażla u qlubija wkoll li tħalli xi ħaġa warajk, żgur li dak li ksibt huwa l-ħajja ta' dejjem" ikompli jgħallem id-dokument.

**L-INDULĠENZI**

Alla, għani fil-ħniena tiegħu lejna l-bnedmin (Ef 2, 4), għoġbu jagħti, permezz ta' l-Iben il-waħdieni tiegħu, is-setgħa lill-Knisja li taħfer id-dnubiet (Mt 6, 19; Ġw 20, 23). Il-Knisja teżerċita din is-setgħa b'imħabba kbira lejn il-membri tagħha individwalment. Hekk Alla, bl-indulġenzi, joffri lill-Knisja l-imħabba tiegħu bla tarf mfissra bil-maħfra tad-dnubiet. Il-maħfra tad-dnubiet tingħata fis-sagramenti tal-Magħmudıja u tar-Rikonċiljazzjoni. Il-Knisja minn dejjem żammet li l-maħfra titlob bħala konsegwenza bidla vera fil-ħajja. Din il-ħbiberija mill-ġdid ma' Alla ma tfissirx li l-effetti tad-dnub jisparixxu.

Għalhekk, bl-indulġenza, il-midneb jirċievi l-maħfra tal-kastig taż-żmien li jkun ħaqqu għad-dnubiet li tagħhom inħafret il-ħtija, u, kif jgħallem il-Katekiżmu tal-Knisja Universali, l-indulġenza "hija tisfija li teħles minn dik il-piena taż-żmien tad-dnub" (nru. 1472). Diġà l-Papa Pawlu VI, fil-Kostituzzjoni Appostolika *Indulgentiarum Doctrina*, ta' l-1 ta' Jannar 1967, fin-numru 9, wera d-duttrina tal-Knisja dwar l-indulġenzi.

Huwa jgħallem li l-insara, meta jirbħu xi indulġenza, jifhmu li bil-ħila tagħhom ma jkunux kapaċi jagħmlu tajjeb il-ħażen li jkunu għamlu lilhom infushom u lill-knisja bi dnubiethom. Għalhekk jitqanqlu għal xi għemil ta' umiltà li jsalvahom.

Il-ħbiberija ma' Alla ma tfissirx li ma baqax aktar effetti tad-dnub li minnhom wieħed irid jissaffa, u dan wieħed jista' jagħmlu mhux biss għalih innifsu imma wkoll jista' jgħin lill-oħrajn, kemm ħajjin u kemm mejtin, ħalli jkunu huma wkoll magħqudin għal dejjem ma' Alla l-Missier. ❑

minn P. William AXIAQ ofm cap

# Father,

*M'ilux kont qiegħed nisma' konferenza fuq x'inhu jiġri fiż-żwieġ illum. Is-saċerdot li kien qiegħed ikellimna qalilna li fil-ħajja miżżewġa u familjari daħlu ċerti "ewfemiżi" bit-tir li jdgħajfu l-valuri qaddisa taż-żewġ istituzzjonijiet. Dawn l-"ewfemiżmi" xi jkunu? Tista' tagħtini xi eżempji prattiċi?*

Nibda biex ngħidlek li s-saċerdot li takom il-konferenza kien qiegħed ikellimkom b'saqajh fuq l-art meta daħal fuq il-kwistjoni ta' l-"ewfemiżmi" fiż-żwieġ u l-familja llum. Ma tistax titkellem fuq dawn iż-żewġ għamliet ta' ħajja u tħalli barra l-istraġi li qegħdin jikkaġunaw l-"ewfemiżmi". Dawn kapaċi jidħlu fil-mudullun tal-moħħ tal-miżżewġin u tal-ġenituri u jiddeterminaw l-għażliet u l-imġieba tagħhom.

Qabel xejn, x'nifhmu bil-kelma "ewfemiżmi"? Din il-kelma tfisser frażi jew espressjoni vaga u mtaffija li tibda tiġi wżata flok oħra x'aktarx tradizzjonali li tinħass ħarxa, diretta u tbeżża'.




L-"ewfemiżmi" l-iżjed li qed jiġu wżati fiż-żwieġ. Nies kapaċi jistudjaw b'sengħa lajka jew djabolika kif se jagħmlu biex jivvintaw kelma oħra jew espressjoni mitigata ħalli ċerti valuri fiż-żwieġ u l-familja ma jibqgħux jiġu kkalkulati bħalma kienu jiġu darba.

Inti tlabtni xi eżempji. Ngħidu aħna il-kelma "adulterju" tinħass terribbli. Biex ma tibqax daqshekk tal-biża' kif tassew hi, u l-miżżewġin jibdew jagħlqu għajnejhom fuq il-fedeltà fiż-żwieġ, xi wħud laqqmuh "fundamentaliżmu nisrani". Dan ifisser li l-mod kif Ġesù tkellem fuq il-kruha ta' l-adulterju huwa diskors esaġerat, idealistiku u xejn prattiku.

L-"abort" hija kelma qawwija li tkexkex. Biex xi miżżewġin jibdew jieħdu l-lala mal-valur tal-ħajja fiż-żwieġ, u l-abort jibdew jagħmluh daqs li kieku xejn, xi ħadd bravu (!) vvinta l-espressjoni "tqala mhux mixtieqa". Altru tgħid "abort" u altru tgħid "tqala mhux mixtieqa". It-tieni espressjoni ddgħajjef il-qawwa u l-ħruxija ta' l-ewwel kelma. L-ewwel waħda tħeġġek biex l-abort tabborrih; it-tieni waħda tħajrek ħalli tagħlaq għajnejk u tagħmlu.

Billi l-kelma "kontraċettivi" iddaħħlek fil-kuxjenza, xi wħud ħolqu l-espressjonijiet "regolazzjonijiet tal-fertilità" jew "maternità żgura". B'hekk xi miżżewġin ma joqogħdux jaħsbuha darbtejn biex jixtru l-kontraċettivi u jużawhom fir-relazzjonijiet ta' bejniethom.

Biex mill-familja xi miżżewġin jeħilsu ħelu ħelu minn ġenituri xjuħ u morda tagħhom, xi għorrief (!) flok il-kelma "qtil", għax din tregħxek, daħħlu l-kelma *mercy-killing* (Ewtanasja) li tgħidx kemm iddoqq għall-widna, iżjed u iżjed meta xi miżżewġin ikunu msallbin bil-ġenituri anzjani tagħhom. Il-kelma *mercy* tberred il-kelma *killing*.

Meta l-kwistjoni tal-*genetic engineering* hija waħda delikata ħafna mill-aspett morali, l-aktar dik marbuta mat-*test-tube babies*, xi wħud, biex din il-biċċa ma jħalluhiex daqshekk serja, ħolqu l-espressjoni "drittijiet riproduttivi", li togħġob lill-widna, speċjalment ta' koppji ħerqanin biex ikollhom it-tfal.

L-"ewfemiżmi" li semmejt huma perikolużi ħafna mill-aspett morali. Jidħlu fl-imħuħ, jeħlu magħhom u maż-żmien jibdew jiġu ggustati, għax bihom xi miżżewġin jitwebblu biex jagħmlu l-ħażen.

Barra minn hekk, l-espressjonijiet il-ġodda jibdew imexxu wkoll id-deċiżjonijiet u l-azzjonijiet tal-miżżewġin ta' llum, li saru fjakki ħafna quddiem kull riħ ta' espressjonijiet u frażijiet maħduma bil-qerq tal-bnedmin u bl-ingann tagħhom biex iwasslu lil ħaddieħor fl-iżball (Ef 4, 14). ❑

# Iġri, ħaffef

minn P. Anthony FITZPATRICK gi.fra.

Ieqaf ftit u ħares lejn in-nies u tara lil kulħadd għajjien, nifsu maqtugħ, irid ilaħħaq jagħmel mitt miljun ħaġa, irid jgħix 48 siegħa kuljum! U lil min tarah għaddej waħdu, min sparat b'karozza, min jixtri, min ibigħ, min maqtul b'*full-time* u b'*part-time*, min ifittex xogħol ... Hekk kont qed naqra dan l-aħħar f'rivista taż-żgħażagħ, u waqt li waqaft nirrifletti ftit qgħadt naħseb kemm niskantaw meta nsibu lil xi ħadd jieħu l-ħajja bil-mod. Qgħadt naħseb kemm ħassejna rilassament meta ilu ftit konna f'raħal u fid-9 ta' filgħodu, fost il-ġimgħa, rajna raħal kwiet immens u grupp ta' rġiel pensjonanti jilagħbu fuq iz-zuntier.



Kemm hu importanti li tieqaf ftit. Il-ħajja żagħżugħa hi avventura, tfittxija. U Kristu bħalna kien żagħżugħ! Faċli naqgħu fit-tentazzjoni li ngħidu li aħna m'aħniex Kristu, imma qed nippruvaw nimxu warajh. U Kristu biex għamel l-ewwel miraklu, stenna tletin sena. U jekk aħna nistennew tletin minuta faċli nagħmlu għaġeb!

Aħna sirna nies li rridu lbieraħ dak li nordnaw għada! M'għandna paċenzja ta' xejn. Għal kull ma jiġrilna rridu nkunu nafu l-kif u l-għala issa. Ejjew nitgħallmu nistennew u naraw il-għala maż-żmien. Meta tkun għaddej minn żmien ftit iebes mhux faċli tirraġuna hekk, imma meta tħallih jikkalma tara kif dak li jkun ġralek idur kollu għall-ġid tiegħek, għax Alla tagħna jirraġuna, u la qalilna li hu jaħdem id f'id ma' dawk li jħobbuh għall-ġid tagħhom mhux ser iqarraq bina.

Min jaf kemm kien hemm proponimenti fil-bidu tas-sena u tal-millennju! Ejjew ma noqogħdux naraw kemm minnhom ma żemmejniex, imma nippruvaw nagħmlu ħilitna biex nisimgħu lilu. L-importanti, jgħidilna hu, mhux kemm int kbir u magħruf imma kemm int umli, mhux kemm tidher imma kemm tagħmel ġid li bih ma jaf ħadd. Għax fuq kollox, bl-għaġla kollha li għandna u bil-ġiri li qed niġru, bl-avventura li kulħadd irid jgħaddi minnha, moħħ ħafna żgħażagħ hu biex ifittxu jidhru ta' 'kbar'. U biex 'tikber' bilfors trid tpejjep? Bilfors trid tidgħi? Bilfors trid iddum barra sas-sebħ? Dejjem irriduh ifittex jasal għada u forsi la jasal inkunu nixtiquh ieqaf. Irridu mmorru hemm u x'ħin immorru niddejqu wkoll. Donnu m'għandna kwiet u paċenzja mkien.

Donnu nibżgħu nieqfu ftit. Hemm mnejn tisma' lilu jkellmek jew, fi kliem aktar sempliċi, dik li ngħidulha, tniggżek il-kuxjenza. Hu leħen li trid tkun kwiet biex tisimgħu. Jaf ikun leħen ta' tarbija ċkejkna, leħen il-ġara li toqgħod ħdejk, leħen il-ġenituri li tgħidilhom 'antikwati u ma jifhmux'.

Tiħ ċans, tibżax! Jaf ikun hu li jbiddillek ir-rotta ta' ħajtek. Hu din b'avventura wkoll u għal din il-laqgħa miegħu, iġri u ħaffef. ❑





# Ix-Xogħol fil-ħajja tat-Terzjarju

minn P. Frans ABELA ofm cap

La t-Terzjarju jgħix f'dinja bħall-oħrajn, ma jistax jonqos li x-xogħol ma kellux post prominenti f'ħajtu u li ma jeħodlux il-biċċa l-kbira tal-ħin tal-ġurnata. Il-problema tiegħu tkun meta jisfa bla xogħol u mhux meta jkun mgħobbi bih. Ir-Regola tal-O.F.S., lil dawk li pprofessawha b'wegħda tgħidilhom: "Iqisu x-xogħol bħala don u bħala sehem mill-ħolqien, mill-fidwa u mill-qadi tal-komunità tal-bnedmin" (Re. O.F.S. 16). Ix-xogħol mhux sempliċi fenomenu ta' produzzjoni jew li ftit jinfluwixxi l-ħajja personali tat-Terzjarju. Għall-kuntrarju, ix-xogħol lilu jolqtu u jikkundizzjonah kollu kemm hu. F'dak li għandu x'jaqsam mal-ħajja tar-ruħ tiegħu, hu importanti l-valur u l-post li hu jagħti lix-xogħol fil-pjan ta' ħajtu. Mela, biex ix-xogħol jitqiegħed f'postu skond il-pjan ta' Alla u fit-twettiq xieraq tas-sejħa tiegħu fl-O.F.S, it-Terzjarju għandu jfittex u jsib linji ċari u utli ħafna għalih fil-qasam tax-xogħol, f'dak li hu tagħlim u mġiba personali.



## Primat ta' Alla fuq ix-xogħol

Fuq Alla ma hemm ħadd u xejn; allura lanqas ix-xogħol ma għandu jieħu post Alla. It-Terzjarju suppost ikun medhi "fit-tiftix tas-saltna ta' Alla u l-ġustizzja tiegħu" (Mt 6, 33). Għalhekk għandu jaħdem għal Alla u mhux jagħmel lix-xogħol alla tiegħu. Ix-xogħol ma għandux jaħlilu l-enerġiji kollha tiegħu b'mod tali li lil Alla jwarrablu biss xi ħin qasir, jekk ikun baqagħlu. Veru li San Franġisk isejjaħ ix-xogħol 'grazzja tal-Mulej', imma l-grazzja m'għandhiex tieħu post minn taha. Għat-Terzjarju x-xogħol għandu jkun il-post u l-ħin li jlaqqgħuh ma' Alla, u jagħmlu aktar uman u aktar nisrani. Għalih ix-xogħol hu l-għalqa tad-dwieli li fiha Alla jibagħtu jaħdem (Mt 20, 2). Hu t-tweġiba tal-Missier għat-talba: "Ħobżna ta' kuljum, agħtina ..." Hekk ix-xogħol jinbidel fi djalogu ma' Alla, f'talba vera li ssir lil Alla mhux bil-fomm biss imma bil-persuna sħiħa tagħna.

## Ħidma bla tnikkir u bil-qima

Hekk irid jiġi magħmul ix-xogħol: bil-ġieħ u l-qima li tistħoqqlu u bla tnikkir. Meta x-xogħol jitnaqqar bit-tnikkir jew bi sfruttament tal-ħaddiem jew f'ambjent ta' vjolenzi u tkissir jew bi ħlas mhux adegwat għall-ħidma mwettqa, dan ikun tbiegħed għal kollox mill-għan ewlieni ta' MIN ipprovdilna l-grazzja tax-xogħol. Kemm tkun ħaġa ħelwa kieku x-xogħol, flok misħut bit-tgergir u mżeblaħ minn kliem mhux xieraq, isir bil-bżulija u bla tnikkir, għax allura l-ħaddiem ikun jista' jgħid ma' Ġesù: "Jien sebbaħtek, Missier, għax temmejt il-ħidma li tajtni nagħmel" (Ġw 17, 4). Taħdem bil-qima jfisser għarfien li x-xogħol hu rigal ta' Alla. Huwa Hu li jagħtik id-dehen, is-saħħa u l-mezzi biex bihom twettqu. F'dal-kuntest int tinsa l-għajja, il-monotonija, l-inkomprensjonijiet tas-sħab ta' fuq ix-xogħol, u tibqa' dejjem taħdem, tistinka u tikkollabora ma' Alla fit-tkomplija tal-perfezzjonament tal-ħolqien, li min-naħa tiegħu qisu għandu bżonn moħħok, idejk u l-kapaċitajiet tiegħek.

Xogħol magħmul f'atmosfera bħal din żgur li ma jitfix l-ispirtu ta' talb, l-aktar dak ta' radd il-ħajr 'l Alla, li tana l-grazzja li naħdmu. ❑

minn Lina BROCKDORFF ofs



# Xellug jew lemin?

Sylvia bdiet tiftakar li meta kienet żgħira damet biex tgħallmet sew id-differenza bejn 'xellug' u 'lemin'. Ħaġa stramba kif xi drabi xena jew avventura li tkun ilha midfuna fl-arkivji tal-memorja toħroġ tiġri ċara kristall meta l-inqas tistennieha. Xellug u lemin, u hi, Sylvia, hemm fin-nofs toħloq il-fruntiera bejn it-tnejn. Kważi tbissmet, ix-xellug nassoċjawh mal-ħażen skond it-tradizzjoni, waqt li l-lemin ma' dak li hu tajjeb. U hi dejjem fin-nofs, hi l-kamp tal-battalja, ġo fiha kien hemm taqtigħa sħiħa għaddejja, il-forzi tal-lemin u tax-xellug jitqabdu, bla ma jxerrdu qatra demm, kienet qalbha l-vittma li taħsel il-qiegħa tal-kamp bid-demm.

Din kienet l-ewwel taqtigħa kbira għaliha, u kemm xtaqet li tmut! X'jimporta jekk tmut - veru, il-mewt kerha u kiefra, imma wara tħossok ħielsa, ma tibżax aktar, ma teħux deċiżjonijiet aktar, u ma tweġġax aktar.

Baqgħet hemm qisha statwa sabiħa, liebsa eleganti, passaport f'idha u tħares ċass faċċata lejn il-baħar ta' quddiemha, xi drabi ħarsa twila lejn il-lemin, imma mhux lejn ix-xellug għax kien hemm Ramon.

Hi kienet ilha taħdem ta' gwida mat-turisti dawn l-aħħar għaxar snin. Iż-żewġt itfal tagħha kibru u matul il-jum ikunu l-iskola, waqt li r-raġel ma kien jara xejn ħażin jekk hi tarġa' taqbad ix-xogħol li tant kien għal qalbha. Hu wkoll kien jaħdem f'aġenzija tal-vjaġġi u tista' tgħid li Tommy u Sylvia kienu jaħdmu id f'id, hu jirranġalha gruppi ta' turisti li jifhmu u jitkellmu bl-Ingliż u bit-Taljan, u hi l-gost tagħha ddur magħhom, taqla' ddawk l-erba' soldi żejda li dejjem issib x'tagħmel bihom id-dar, u fl-istess ħin terġa' toħroġ ftit mid-dar wara li rabbiet il-tfal.

Kollox mexa ħarir għal dawk is-snin kollha, sa ma qisu x-xitan ma ħamilx jaraha aktar bi kwietha. Ix-xitan jew ... ix-xorti tajba?

Kien Mejju, meta darba fost l-oħrajn kellha tqatta' jum b'xi turisti Ingliżi u Taljani flimkien ma' żewġ Spanjoli, grupp li kien ser idum Malta ħmistax - u fosthom kien hemm Ramon. Kien professur ta' l-Istorja Antika f'kulleġġ ta' Barcellona. Malli hi ltaqgħet mal-grupp l-ewwel darba fil-bieb tal-hotel mill-ewwel intebħet bih, jiġifieri li hu mhux sempliċiment raġel ieħor mal-mijiet li hi tara spiss, mhux numru ieħor mal-grupp ta' disgħa u għoxrin biex jgħaqqdu tletin.

Ramon kien differenti! Ramon kien ... Ramon! Li kieku kellha tiddiskrivih ma kien joħroġ l-ebda ritratt ta' xi raġel eċċezzjonali, għal għajnejha kien raġel bħal oħrajn. Imma waqt li l-bniedem jara b'għajnejh, hu jħoss u jifhem bosta affarijiet bil-qalb u bil-moħħ. L-għajn tara bi tliet dimensjonijiet, waqt li l-qalb u l-moħħ iħossu u jiżnu b'ċerta totalità, jaqraw karattru, ifasslu identità.

Sylvia ratu - raġel twil, forsi ta' madwar erbgħin sena, aktarx irqiq, għajnejn intelliġenti jleqqu b'interess kbir għal kull ma jiġri madwaru. Sylvia ħassitu - raġel speċjali li l-ħarsa t'għajnejh biss lilha qanqlitha, lilha beżżgħatha, imma fl-istess ħin għoġbitha, qisha fiha daqqet nota li qatt ma semgħetha qabel u li l-ħoss tagħha kien il-bidu ta' sinfonija mill-isbaħ.

L-ewwel darba li kellimha qallha li hu jifhem kollox bl-Ingliż, imma jħossha ftit bi tqila biex jitkellem; din għall-ewwel hi emmnitha, imma aktar tard bdew jiġuha xi dubbji jekk ilsienu kienx isib l-Ingliż tqil għaliha biss. Hi bdiet tinnota li ma' l-oħrajn itaqtaq ġmielu, waqt li magħha kien dejjem ta' ftit kliem - il-kliem tgħoddhom, imma l-ftit kliem li kien jgħid kien dejjem kliem bis-sens, bla ebda żbalji grammatikali, leħnu dejjem baxx u

sabiħ. Meta f'nofs in-nhar kienu jieqfu f'xi *restaurant* biex jieklu qatt ma pprova jpoġġi ħdejha, imma għajnejh bħal kalamita qawwija qatt ma ħallew lil għajnejha.

Aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar bdiet tħossha tinġibed lejh, bdiet tgħodd il-jiem li kien fadallu biex jitlaq, bdiet tibża' li xi darba ser jonqos li jkun mal-grupp, u malli tarah tieħu n-nifs, isserraħ moħħha. Kienet tħossha li żgur li qatt aktar f'ħajjitha mhi ser tixtieq għal xi ħaġa oħra b'ikbar ħeġġa ħlief li tarah għal jum ieħor, mingħajru d dinja tkun vojta, mingħajru ma setgħetx toqgħod.

warha ser titheżżeż bi skoss kbir - u tabilħaqq, x'isir minnha la jitlaq hu?

Kemm minn dan kollu kien jaf Ramon? Xejn! Żgur li xejn! Kienet taħarbu daqs kemm kien jaħrab hu lilha, jew aktar. Kienet taf li kienet bluha din tagħha, imma kienet bi ħsiebha tikkontrollaha u ma tħallix li l-bluha tiżviluppa f'ġenn.

Fl-aħħar Ramon kien wasal biex jitlaq. Kellu jmur lura bil-vapur sa Sqallija u minn hemm jitla' bit-trejn sa Ruma fejn kellu jqatta' xi jumejn għand ħbieb tiegħu.

Sylvia naqqset mill-ikel, waqt li l-iljieli kienet tgħaddihom imqajma u mdejqa. Żewġha qal li hi kienet qed titħabat wisq, li kienet tinħtieġ btala. Għax ma tmurx erbat ijiem għand oħtha li kienet toqgħod Napli? Bilkemm riedet temmen lil widnejha; x'kienet xorti tajba jew ħażina din? Kienet x'kienet ħatfitha. Ħejjiet kollox f'jumejn u hekk sabet ruħha fuq il-vapur, l-istess wieħed li Ramon kellu jitlaq bih.



Xtaqet tarah? U la tarah x'ser tgħidlu? Kif tispjega l-fatt li tinsab hemm? Kif iżżomm kalma u tikkontrolla ruħha li ma tmurx tinqabad fl-aħħar ħin? Sa fejn kienet lesta biex tasal? U jekk hu ma jiġix, fejn issibu?

Lemħitu. Hu raha wkoll u resaq lejha jkellimha mingħajr ma wera l-ebda sorpiża li sabha hemm, kważi kien qed jistennieha li tkun hemm. Sylvia kienet tikkonsidra lilha nnifisha attriċi tajba li taf taħbi l-ħsus ta' ġo fiha, imma tgħid Ramon kien

Kienet mara matura u ta' l-akbar serjetà u lil żewġha kienet tħobbu u qatt ma naqsitu f'xejn, mela allura x'kien dak li ġralha f'salt? Kienet ħolma din tagħha jew realtà? Kienet x'kienet fi ftit żmien ma kinitx ser tarah aktar! Imbagħad hi - Sylvia - ma terġax issir l-istess mara li kienet qabel għax id-dinja ta' mad-



jgħaddiha? Kellimha bla tlaqliq, qallha kemm kien ħa ġost u kemm apprezza li kellu lilha bħala gwida. Wara ftit waqaf, ma qal xejn aktar, baqa' bilqiegħda fuq ix-xellug ħdejha, fuq bank tal-vapur, it-tnejn iħarsu lejn ix-xemx li kienet waslet biex tgħib għal kollox. Lanqas biss staqsieha fejn sejra; aktarx kien qed jobsor.

Baħar kalm taqtgħu b'sikkina. Il-ftit passiġġieri fuq il-vapur kienu fuq in-naħa l-oħra. L-uniku ħoss kien dak tal-magna tal-vapur u t-tħaxwix ta' l-ilma waqt li joforqu l-vapur - u qalb Sylvia - li bdiet tħabbat qawwi bħal ta' għasfur li rid jaħrab mill-gaġġa.

Bdiet tħares quddiemha u lejn il-lemin, imma qatt lejn ix-xellug għax hemm kien hemm il-profil tiegħu, sabiħ qisu statwa ta' l-alabastru. Għaddew kważi erba' sigħat hemm bla ma jlissnu kelma, imma fl-istess ħin Sylvia kienet persważa li bejniethom kien hemm ħolqa misterjuża, li d-dlam u s-skiet komplew igeżwruhom bil-mantar tas-seħer. Wara ftit mill-bogħod bdew inemnmu dwal irqaq fuq l-art, ftit ieħor biss u Ramon ... Ħasset qalbha ser tinqasam. Li kieku biss tkellem ... Ħarġet maktur u bil-ħeffa xxuttat żewġ demghat. It-taqtigħa kienet fl-aqwa tagħha, ftit minuti oħra u l-vapur ikun wasal.

Kemm kienet ser iddum tilgħab man-nar? Xellug jew lemin?Tommy jew Ramon? Imqar għal ġimgħa biss ... imqar għal lejl biss! Lejl biss, ftit sigħat biss ... Sylvia mara miżżewġa, mara ta' prinċipji sodi! Sa hawn kellha tasal?

Għamlet il-kuraġġ, ma reditx iġġib ruħha aktar bħal tifla żgħira, hi kienet mara matura. Jekk hi kienet tqis ruħha bħala attriċi kellha issa l-aqwa *colpo di scena* finali qabel ma tagħlaq il-purtiera.

Bil-kalma kollha qamet bilwieqfa, u bla kliem xejn ħarġet idha biex ittih l-*addio* hekk kif il-vapur tbewwes mal-moll. Lanqas hu ma lissen kelma, imma għajnejhom ħarsu għal eternità ta' ftit sekondi ġo ta' xulxin ... u bla kliem xejn fehmu ħafna xorti. Ġibdet idha lura, refgħet il-bagalja żgħira u bil-ħeffa telqet 'l hemm biex żgur ma jerġax jibdielha. Is-siparju ngħalaq, imma f'widnejha minflok iċ-ċapċip bdiet tisma' biss lil qalbha tħabbat taħbit sfrenat.

Malli niżlet l-art ċemplet lil żewġha u qaltlu biex jistennieha mal-vapur ta' l-għada - kienet tħossha tajba ħafna, għax il-vjaġġ għamilha tajjeb, ma kelliex għalfejn titla Napli.

L-għada f'rokna tal-vapur, weħidha bkiet bikja twila, għax il-ġlieda kienet għadha sejra. Imma għalkemm f'għajnejha kellha d-dmugħ, f'qalbha kien hemm is-sliem u kważi tbissmet xħin ħarġet idha fuq il-bank vojt lejn ix-xellug! ❑

## KOTBA ĠODDA

### IL-KTIEB TA' L-APOKALISSI

P. Donat Spiteri OFM Cap. għadu kemm ippubblika kummentarju fuq l-aħħar ktieb tat-Testment il-Ġdid: L-Apokalissi. Dan il-kummentarju, li għandu xejra pastorali u miktub b'mod sempliċi, jgħin lil dawk li jinteressaw ruħhom f'dan il-ktieb. P. Donat, minbarra li jieħu vers b'vers il-Ktieb ta' l-Apokalissi u jispjegah, jagħtina wkoll introduzzjoni ġenerali li permezz tagħha nistgħu nsiru nafu aktar dwar l-awtur tiegħu, meta nkiteb, l-għala u lil min. Jitkellem ukoll fit-tul dwar min hi l-mara u d-dragun li jissemmew fil-kapitlu 12. Il-ktieb jinkludi wkoll ritratti tas-7 knejjes lil lilhom hu mlktub, u jagħlaq b'blbllografilja qaslra ta' kotba oħra dwar l-Apokalissi.



Din il-pubblikazzjoni ta' 160 paġna hija n-nru 13 mis-'Sensiela naqraw il-Bibbja', ta' l-Għaqda Biblika Maltija.

Nittamaw li dan il-kontribut bil-Malti jkompli jgħin lill-poplu tagħna jifhem aħjar il-Kotba Mqaddsa li huma għajn ta' barka għal dawk kollha li jaqrawhom.

### P. ROBERTO NOVELLA DA EBOLI

***Francescano Predicatore a Malta (1565) e a Monatova (1568)***

P. Franġisku Azzopardi OFM Cap. għadu kemm ippubblika studju fuq P. Roberto Novella da Eboli, Taljan, li huwa magħruf hawn Malta bħala "Il-Kapuċċin ta' l-Assedju l-Kbir - 1565".



Dan il-ktejjeb dwar il-ħajja tiegħu hu maqsum fi tliet żminijiet. L-ewwel żmien meta kien ilsier fi Tripli, wara li nqabad min-neputi ta' Dragut. It-tieni żmien hawn Malta, fi żmien l-Assedju, fejn wera ħila kbira jassisti lill-Kavallieri f'Sant' Iermu u fil-Birgu. Kien hu li waqqaf f'Malta l-Kwaranturi u għamel id-Diskors tar-Rebħa fis-7 ta' Settembru 1565. It-tielet żmien kien fl-Italja. P. Roberto, waqt li kien qed jippriedka f'Mantova ġie akkużat li kkritika lill-Inkwiżitur. Sarlu proċess u ġie kkundannat 12-il sena ħabs. Għadu mhux magħruf meta u fejn miet.

Dan ix-xogħol ta' 63 paġna huwa frott ta' riċerka storika fl-arkivji ta' Malta, Ruma u Mantova. Fih ukoll ritratti ta' ittri manuskritti ta' P. Roberto. Din il-pubblikazzjoni, tal-Kurja Provinċjali tal-Kapuċċini ta' Malta, ġiet imfaħħra u apprezzata saħansitra barra minn Malta.

# TISLIBA 4

minn P. Wistin ATTARD ofm cap




1. Tħaffu ħafna. (Gal 5, 7) (5)
2. Tronijiet u dawn. (Għerf 6, 21) (6)
3. U ... madwari. (Esd 7, 28) (5)
4. Hekk nagħmel tassew. (2 Ġw 1) (5)
5. U ma kilux. (Bar 1, 5) (4)
6. Salvana bih. (Tit 3, 5) (5)
7. *Idur* għalih u jidorbu (Dt 19, 11) (5)
8. Xedd il-... tiegħu. (Num 22, 21) (5)
9. Din baqgħet ma' Nagħomi. (Rt 1, 14) (3)
10. *Mgħallem tiegħi*. (Mk 10, 51 - ara nota) (7)
11. u 12. Elija kien telaq minn hawn. (2 Slat 2,1) (6)
13. Fortunata u .... (1 Kor 16, 17) (6)
14. Dan għad jgħaddi għalik. (Lam 4, 21) (5)
15. Jgħidulu il-Gitti. (2 Sam 15, 19) (5)
16. Tiġi mas-sabar. (2 Pt 1, 6) (5)
17. Għedewwa tiegħu (Fil 3, 18) (5)
18. Missier Ġona. (Ġona 1,1) (7)
19. Lilek qed jgħid!. (Ġak 2, 19) (4)
20. Sultan li mexa sewwa. (2 Kron 14, 1ss) (3)
21. Bl-arpa u ċ-.... (Salm 150, 3) (5)
22. L-ewwel qamħ li jsir. (Ġdt 11, 13) (5)

• *Il-vokali IE titniżżel f'kaxxa waħda.*

***RIŻULTAT TAT-TISLIBA TA' MARZU (3):***

*1. Kuġin; 2. Rumani; 3. Tinda; 4. Dinbu; 5. Lija; 6. Salmi; 7. Uruni; 8. Irija; 9. Iva; 10. Diblajm; 11. u 12. Nitlob; 13. Oforqu; 14. Ħeber; 15. Kabul; 16. Ħsara; 17. Assur; 18. Elimajs; 19. Ikel; 20. Ors; 21. Efesu; 22. Raqdu*

*Ir-rebbieħ jingħata ktieb sabiħ. Dan jittella' bix-xorti mit-tislibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mill-ħmistax tax-xahar. Ibgħatu s-soluzzjoni tagħkom f'dan l-indirizz: Tisliba Dawl Franġiskan, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana - VLT 14*

**Ir-Rebbieħ ta' dan ix-xahar huwa: Mr. Joe Scerri Desain, Ħamrun**

**Il-Bibbja li ntużat għal din it-Tisliba hija dik ta' l-Għaqda Biblika (Edizzjoni 1984 jew 1997).**

P O E Ż I J A

# LIL MARIJA ADDOLORATA

*minn Kan. Nikol VELLA APAP*



Taħt salib Marija mmnikkta
Ta' Dulur sejf nifed qalbha
Ġesù binha mdendel mejjet
Hawnhekk lissnet l-akbar talba.

Min se jfisser id-duluri
Dak il-hemm li nstabet fih
Waqt li siekta baqgħet tħammem,
Mingħajr waqfien u bla mistrieħ.

Wieħed biss baqa' jwennisha
Ġwanni l-leħen ta' l-imħabba,
Dil-virtù f'kitbietu tiddi
Lilha dejjem baża' jtabba'.

Oh! X'dulur Marija ġarrbet
Meta 'l binha niżżluh f'ħdana,
Ħadd ma jaf sewwa x'ifisser,
X'ħasset f'qalbha din l-omm tagħna.

B'ġisem mejjet, kollu mbenġel,
Bil-kustat, b'ġenbu miftuħ,
Dik l-omm tagħna siekta u ħiemda
Titlob f'qalba talb mismugħ.

Tferra' ħniena din l-omm tagħna
Ma' min ħarstu jitfa' lejha.
Jitlob b'qalb niedma u sogħbiena
Biex fil-ġenna joqgħod ħdejha.

Nitolbuk omm tad-duluri
Isma' talbna, ħenn għalina,
Mldlnbin imma sobgħiena
Talbek kebbes ġewwa fina.

# Skopri fik l-Għanja ta' Ġesù

*minn P. Joe Giuliano OFM Cap*



Dan huwa s-slogan li wieħed isib fuq naħa oħra taċ-*"Church on Wheels"*. Ilkoll kemm aħna ma ġejniex fid-dinja bl-addoċċ! Ilkoll għandna missjoni x'naqdu. B'dan il-proġett, kienet ix-xewqa tagħna li ngħinu lil dawk li niltaqgħu magħhom biex huma wkoll jiskopru l-proġett ta' ħajjithom: din hija l-għanja ta' Ġesu', għanja li hija differenti għal kull persuna. Il-ħsieb ta' Ġesù huwa li jagħmel sinfonija sħiħa mill-ħajja tagħna, mingħajr ebda stunaturi, jekk jista' jkun! L-istunaturi huma l-każi fejn persuna jew tagħlaq widejha għas-sejħa ta' Alla, jew meta ma tagħtihx ċans isemmgħalha l-għanja tiegħu jew meta ma jkollhiex l-opportunità li tismagħha. Bil-proġett tagħna aħna x'taqna li nagħtu ċ-ċans lil kemm jista' jkun nies biex għallinqas jilqgħu din l-opportunità u jaraw x'għanja għandu għalihom Ġesu.

Aħna membri taċ-*"Church on Wheels"* qed noffru servizz ta' gwida għal dawk li mbagħad ikunu jridu jafu aktar dwar din l-għanja ta' Ġesu' f'ħajjithom, jiġifieri dwar il-possibiltà li Ġesù jkun qiegħed isejħilhom għall-ħajja ta' konsagrazzjoni speċjali. Bħala edukaturi vokazzjonali dan is-servizz nagħtuh mill-qalb u mingħajr ebda interess, ħlief li naraw il-persuna kuntenta li skopriet l-għanja ta' Ġesù f'ħajjitha, hekk kif skoprejnieha aħna!

**Fix-xahar ta' April iċ-*Church on Wheels* ser tkun f'dawn l-iskejjel u l-lokalitajiet:**

| | |
|---|---|
| 1-4 ta' April | Għawdex |
| 7 ta' April | Parroċċa ta' San Ġwann |
| 11 ta' April | Skola Sekondarja tas-Subien, B'kara |
| 13 ta' April | Parroċċa ta' M'Xlokk |
| 14 ta' April | Parroċċa taż-Żejtun |
| 18 ta' April | Junior Lyceum tal-Bniet, iż-Żejtun |
| 25 ta' April | Parroċċa ta' Ħal-Lija |
| 26 ta' April | Parroċċa ta' Ħat-Attard |
| 30 ta' April | Parroċċa ta' B'kara |




K.I.V. Website:
**www.vocations.org.mt**

Jekk trid tkun taf aktar dwar il-ħajja u l-ħidma ta' l-Aħwa Kapuċċini ikkuntattja lil
Fr. Joe Giuliano OFM Cap.
Kunvent tal-Kapuċċini - Kalkara
☎ 825 724 jew 800 612

# Agħti Borża ta' Studju

## Uri s-Solidarjetà tiegħek mal-Kapuċċini fil-Kenja



Borża ta' Studju hija offerta ġeneruża ta' Lm 250 li tista' tingħata jew minn persuna waħda jew minn diversi benefatturi li jingħaqdu flimkien.
Tista' tingħata anki ftit ftit.
Min jagħmel din l-offerta jkollu sehem kbir fil-ħajja reliġjuża / saċerdotali ta' l-Istudenti Kapuċċini Kenjani.

**Għal aktar tagħrif ċemplu lil P. Joe Alessandro OFM Cap.**
**Tel: 23 38 74 / 22 55 25 / 23 49 49**